"L-AKBAR SAGRIFICCJU"

Dramm fi tliet Atti ta'

Patri Luigi Pazzaglia.

Maqlub ghal Malti minn

CARMELO GALEA, S.D.B.

Din il-Produzzjoni giet ittajpjata minn

Carmelo Cuschieri.

<u>NIES ID-DRAMM</u>

KONTI MARCO LUDOVISI.

OSVALDO - Ibnu.

ENRICO MARINUZZI - Avukat.

PATRI KLEMENT RODI - Salesjan.

DOMINGO FERNANDEZ - Argentin.

LEONE RAMPERTI.

RAOUL CIPPONI.

GINETTO OLANI.

ANSELMI - Nutar.

DAVID LEVI - Antikwarju.

ENZO - Tabib.

GANNI - Qaddej xich.

CESKO - Qaddej zghazugh.

Mill-ewwel Att ghat-Tieni jghaddu tliet snin. Mit-tieni ghat-tielet jghaddu sentejn.

Zmien - Modern.

## L-Ewwel Att

Sala fid-dar tal-Konti Ludovisi.
Ambjent mill-aktar aristokratiku.

### Xena I.

Konti, Ganni u Leone

Ganni (Jidhol jippresezenta lil Leone). Poggi bil-qeghda, sur Leone. Sejjer nghid lil Konti bil-migja tieghek. (Johrog mix-xellug).

Leone Nistenna, grazzi. (Jippassiggu. Pawsa).

Konti (Jidhol wara pawsa). Merhba bik, habib tieghi Leone. Grazzi li wegibt ghas-sejha tieghi. Kif int?

Leone Tajjeb......

Konti Tidher, ma kienx hemm bzonn nistaqsik. Tad-dar kullhadd tajjeb?

Leone Fija ghandek tara ir-ritratt tas-sahha tal-familja Romperti.

Konti Kif mort fl-ezamijiet?

Leone Ma setghux imorru ahjar.....

Konti Nifrahlek. (Jaghfaslu idu).

Leone Mar tant tajjeb li l-Professuri talbuni biex nerga nirrepetich f'April ghal pjacir li jerghu jisinghuni.....

Konti Fihmtek sewwa? M'ghaddejtx mill-ezamijiet?.....

Leone Ajma, x'ugieh ta' stonku! Ikolli naghmel riparazzjoni f'hames materji.

Konti Bhal xejn ma tridx taghti htija lil Professuri.....

Leone Naghti htija lil Senafonte. Kieku dan l-gharef ta' kittieb minnflok li kiteb l-"Analasi" tieghu bil-grieg kitibha bit-taljan, kont nista naghmel figura sabieha...... u issa minnflok din il-figura sabieha jkolli nara lil mama' tibki u lil papa' igerger.

Konti U inti?

Leone Jiena? Jiena biex intaffi d-dwejjaq sejjer gita ma' hbiebi. Gita ta' xaghrejn. Algerija, Tunes, Marokk, u l-Egittu. Sur Konti, tithajjar tigi maghna? Lil ibnek inqas biss semmejtlu, ghaliex naf zgur li jirrifjuta l-istedina.

Konti (B'interess). Inti zgur illi ibni Osvaldo jirrifjuta din l-istedina?

Leone  Zgur fuq li zgur. Mhux ghax jibza mill-bahar.....imma dahhal certi idejat f'rasu.....certi idejat.......illi trid ftit taz-zmien biex tifhimom......

Konti  Biex nghidlek din it-tibdila qed narana jien ukoll. Leone, ma jidhirlekx illi Osvaldo minn ftit il-hawn huwa ftit sofferenti?

Leone  Sofferenti verament.....qatt ma tajt kaz ta' dan...... inti ma tafx.....il-hsieb ta' l-ezamijiet....ukoll jiena, nhossni nqast in-nofs bl-istudju......

Konti  Imma huwa ghadda mill-ezamijiet kollha, u b'dan kollu narah donnu wiehed skantat.....donnu ghandu xi hsieb f'rasu li qed jitturmentah. Xi minn daqqiet jisparaw fieh certi nervi....mhux soltu tieghu.....

Leone  Nibza li qed tiehu zball sur Konti....

Konti  Leone, inti ma tistax tifhem certi affarijiet ghaliex m'intix missier.

Leone  Minn daqshekk ma inix sejjer inmerik sur Konti,,,,,

Konti  U zgur. Jiena li jien missier qed nifhem illi Osvaldo ghandu xi haga......inhossu go fija....L-imhabba ta' missier ghandha aktar minn qalb ~~wiehe~~ wahda. Ghandha elf ghajnejn u tilmah storja minn harsa wahda, tifhimni Leone?

Leone  Tant huwa hekk li meta l-Papa' tieghi jarani mdejjaq jghidli: "Ibni, xi kemm tlift fil-loghob il-lejla?" u meta jkollu x'jaghmel hafna ma jghidli xejn, jaqbad elf frank u jzerzaqomli f'idejja, ghax mid-daqqa t'ghajn jifhem illi l-borza xotta.

Konti  Imma sa fejn naf jiena ibni ma jilghabx ghal flus..... qalbi tghidli li hemm xi haga ohra fin-nofs illi qeghda titturmentah u ma jridx jghidli biha.....

Leone  Inti zgur li m'intix sejjer imqarraq?

Konti  Kieku taf kif qed nistudja l-passi tieghi minn xi zmien il-hawn......nizen kull kelma li jghid.....gurnata wahda sibtu b'rasu fuq l-iskrivanija jibki u staqsejtu ghaliex, u huwa wegini: "Papa', inti qatt ma tista tifhimni", u ma qallix nofs kelma ohra.....darba ohra, qaghad bil-qeghda ma gembi ferhan li qatt ma kont rajtu hekk qabel, ghafasni ma sidru u deherli li fin-nifs tieghi qed inhoss ruhu tfewwahni bil-balzmu! Kont qed nistennieh sejjer jiftah qalbu mieghi u jghidli kollox, imma kelma wahda minn-fommu ma hargitx....

Leone  (Rebbieh). Sur Konti, allura il-famuz Velu ta' dan il-misteru nkixef: hemm fin-nofs xi Eva, irrid nghid jien xi tfajla li ha grazja mighha.....dahlet go qalbu l-imhabba.

Konti  Allura inti taf xi haga?.....

Leone  Naf le.....izda ukoll iz-zaghzagh ~~bhe~~ jista jkollom naska tajba.......x'tista tahseb meta zaghzugh bhal ibnek Osvaldo ta' ghoxrin sena, mzejjen b'kollox, ghani, intelligenti, b'dak l-entuzjazmu li ghandu fuqu, tfajliet isib kemm irid iduru madwaru....ghalhekk miskin rikbitu l-marda ta' l-imhabba.

Konti U din fiha xi haga? Allura ghaliex ma jghidlix?.....

Leone Eh, sur Konti.....dan issa huwa misteru iehor. Bilfors illi hemm fin-nofs certi ragunijiet. Forsi l-insejken Osvaldo minnflok innamra minn xi Kontessina bhalu, nghidu ahna ha grazzja mal-hajjata li toqghod bi drittkom......

Konti Leone, qa la darba taf ghaliex ittawwalli dan il-martirju?

Leone Sur Konti, ara li ma tmurx temmen.....dan mhux hlief hsieb li ghaddieli hekk.....minn rasi....

Konti Leone, inti taf ghaliex sejjahtlek biex tigi tarani?

Leone Ma nahsibx illi biex tkellimni minn Senafonte?

Konti Jiena sejjahtelk ghaliex naf illi inti u ibni hbieb tal-qalb u ma jistax ikun illi huwa ma jiftahx qalbu mieghek. Ghidli, Leone, jkollok hniena minn qalb ta' missier.....

Leone Sur Konti, nista nassigurak illi jiena ma naf propju xejn, u inqas qatt ma kont tajt kaz ta' din il-krizi li ghaddejja minn fuq Osvaldo......

Konti Tajjeb, mela ghamilli din il-karita'; staqsieh, forsi dak li jisthi jghid lil missierhu, jghidu lilek.

Leone Dan ma nistax nichadulek......fl-iskola dejjem fi klassi wahda........ahna hbieb hobz u sikkina. Biss nghidlek illi bejn il-karattru taghna tghaddi differenza kbira...... izda aktar ta' min japplawdi l-ghemil tieghu minn tieghi. Ibnek huwa zaghzugh serju, ezemplari, religjus, anzi forsi skruplus izzejjed.....pero' halli nghidlek, sur Konti, ibnek ghandu habib iehor tal-qalb aktar minni: l-Avukat Enriko Marinuzzi. Kellem lilu, huwa jaf jghidlek xi haga ahjar minni.......

Konti l-Avukat ilu ma jersaq l-hawn.....

Leone Ma tafx illi sejjer jiehu l-istat tieghu?

Konti Huwa wkoll ghal maghkom fil-gita li sejrin taghmlu?

Leone Mhux gita fl-Egittu, imma sejjer jitlaq ghal Kunvent tas-Salesjani, sejjer isir Patri ma' Dun Bosco.

Konti L-Avukat patri?! (Mistaghgeb).

Leone Mela x'inhu. Nibkieh u nikkompassjonah.....mill-bqijja kullhadd ghandu l-idejat tieghu......

Konti (Jisma lehen Osvaldo minn gewwa). Qed nisma tajjeb? Lehen Osvaldo. Ghamilli din il-karita' nitolbok. Ara jirnexxilekx tehodlu xi haga minn fommu.

Leone Nipprova......

Konti (Imur ipoggi ma gemb l-iskrivanija jiftah ktieb u jaqra).

## Xena II.

Osvaldo u ta' qabel

Osval (Jidhol). Buongiorno, papa'. Inti hawn ukoll, Leone? Liema rieh giebek l-hawn?

Leone (Isellem). Rieh majistral! Gejt biex nghidlek illi sejjer gita ghal xaghrejn.

Osval Gita ghal xaghrejn?........Iva eh?

Leone Hekku l-bniedem serju illi sejjer jibda biex jehodha mieghi......

Osval Nehodha mieghek xejn......u r-riparazzjonijiet ta' l-ezami li fadallek taghmel?......

Leone L-ahhar ezamijiet f'Ottubru.....Issa hemm bzonn ta' ftit divertiment. Vaganzi tas-sajf.......jinhtieg imbiddlu ftit il-kulur tal-hajja u ninxtehtu ftit fil-poezija tal-hajja......anzi inti wkoll imissek tigi maghna.

Osval (Jirrifjuta). Le, grazzi, giti xejn.

Konti Tkun haga tajba ibni Osvaldo. Wara dawk l-istudji kollha gita taghmillek tajjeb.........

Osval Ma nhossnix, papa'.

Konti Forsi m'intix f'siktek?

Osval Inhossni tajjeb hafna. Izda ma nhossnix biex nivvjagga.

Leone Se jkun hemm maghna hafna hbieb....u anki tfajliet li inti tafhom......tfajliet tal-gran bonton', tifhimni......ohti, oht il-baroncino Renzo Agnani, bint il-Markiz Felice u t-tifla ta' l-inginjier Rossi.

Osval Grazzi, grazzi, ghidtlek li ma nigix.

Konti Ghalija niehu gost jekk inti tmur. Is-sena l-ohra kont urejtni xewqa li tixtieq taghmel vjagg barra mill-Italja.

Osval Veru.....vjagg naghmel imma aktar tard......

Konti Ghaliex allura ma tipprofittax ruhek minn din l-okkazzjoni?

Osval (Nervuz). Ghidt le, u tisfurzawnix izjed!!

Konti (Jibqa mhawwad. Wara pawsa). Leone, inhallik ghal ftit ma Osvaldo.

Osval Ahfirli, papa', jekk gibt ruhi hazin mieghek....ghal din il-gita tqisunix; imbaghad mita jkun il-waqt immorru Sorrento jew Cortina, insomma mbaghad naraw fejn immorru.....

Konti (Lil Leone). Leone, qabel ma titlaq hallini narak. (Johrog).

## Xena III.

Osvaldo u Leone

Osval   Habib tieghi Leone, lilek ukoll nitolbok tahfirli......
il-lum ghandi fuqi bhal attakk nervuz.....

Leone   Jiena xtaqtek li f'din il-gita tkun maghna......bil-kultura
tieghek kont tkun l-ishah Cicerun taghna.

Osval   Ma tridx il-gwida ta' l-Orjent hux?.......

Leone   Grazzi, ghal dan jahseb Renzo.

Osval   Tinsiex tiehu mieghek xi ktieb tal-Grieg ch......

Leone   Erga koppi bil-kotba tal-Grieg.

Osval   Fil-vjagg ikollok zmien taghti daqqa t'ghajn lil Senafonte.

Leone   Habib tieghi, issemmilix lil Senafonte ghax jitlaghli demmi
ghal rasi.....bizzejjed habbat rasi mieghu ma tul is-sena.
Lil Senafinte inhallieh jistrieh fil-kexxun ghad-dlam.
Jien irrid nixxala u mhux inhabbel mohhi ma dan l-imbierek
ta' Grieg.

Osval   Tagghod xaghrejn bla studju?......

Leone   Inti taf xi tfisser safra ta' xaghrejn? Tfisser hajja
poetika fuq bastiment, imbaghad fil-lukandi l-aktar
profumati......ballijiet, kuncerti, cinema......u sejjer
ikollna maghna wkoll kumpanija ta' varjeta', u mela noqghod
nistudja l-Grieg........

Osval   U dan inti ssejjahlu pjacir?.....Dan issejjahlu poezija?

Leone   Kullhadd isib il-poezija tieghu fejn thobb qalbu.....min
isibha fil-kant, min f'zifna ta' rumba, f'salott ipprofumat,
min isibha f'xi gnien mimli bil-fjuri u ~~ji-en~~ jiena nsibha
ma gemb il-hbieb tieghi, Gustibus .

Osval   (Iebes).. Ieqaf nitolbok.

Leone   Forsi offendejt is-sentimenti tieghek?

Osval   Le, izda iggibli hniena narak hekk mitluf wara dawn
il-frughat.

Leone   Ghandek ragun. Ahna nghixu f'dinja differenti. Inti
tghix fil-quccata ta' l-gholja tbus il-kwiekeb, u jiena
nghix taht il-bankina nilghaq it-tajn.....u ghaliex
m'ghandniex ingawwdu l-hajja fil-fjur ta' zoghzitna?......
~~Ghi~~ Ghad ikollna zmien inzebbgu l-kuruna tar-Ruzarju meta
nixjiehu.....ghad ghandna bias ghoxrin sena......

Osval   Ittemmilix dawn il-hmerijiet illi z-zoghzijja hija maghmula
biex tixrob il-pjaciri kollha tad-dinja.....iz-zmien li
fadlilna ghandna nghadduh fi hwejjeg aktar nobbli milli
fix-xalar; jew billi tpoggi x-xorti tieghek fuq it-tapit
ahdar fejn isir il-loghob ta' l-azzard......(Jikkoregi ruhu).
skuzani, Leone, kif tara, m'inix responsabbli ta' dak li
qed nghid.....ghidli....,fl-ahhar mill-ahhar nista naqdik
f'xi haga?.......

Leone Trid tibghatni l-barra?.....

Osvaldo Qed nistenna persuna......

Leone Tajjeb, halli nnehhilek l-iskomodu.

Osval Le. (Incert). Tista togghod....huwa l-avukat Marinuzzi dak li qieghed nistenna.

Leone Qieghed ninduna illi l-papa' tieghek ghandu ragun. Osvaldo, inti m'ghadekx dak li kont.....inti ghaddejj minn krizi......

Osval Qieghed tizbalja habib.........jien inhossni B8sahhti daqs iljun.

Leone Fil-gisem iva, izda moralment. Certament jiena m'ghandi l-ebda dritt li nidhol fis-segrieti ta' qalbek.

Osval Le, le. Anki moralment m'ghandi xejn xi jdejjaqni, emminni......

Leone Li tinsab fil-grazzja t'Alla ma nichadulekx ghax nafek bizzejjed, imma, imma.......

Osval X'inhu imma?.......

Leone Imma fir-rokna ta' qalbek.....Fejn tinheba l-imhabba hemmhekk hemm xi haga.....

Osval Fehemni ahjar ghax ma nistax nifhmek xi trid tghid......

Leone Insib diffikulta' kbira inkellmek fuq certi affarijiet...... Donnu ghandi quddiemi xi ktieb ta' "Analisi". Hares, Osvaldo, kun af illi l-papa' tieghek induna b'kollox.

Osval B'kollox?

Leone Iva, b'kollox. Induna illi inti m'ghadekx aktar int, illi qieghed tahbi segriet, hemm fin-nofs il-hajjata ta' quddiemkom......

Osval Qieghed tohlom.....

Leone Forsi qed nohlom.....imma tahbilix li ma thobbx lil hajjata Carolina, u l-papa' jaf b'kollox.....izda jrid jafum minnek.....anzi nkarigani biex inti tghid lili u jiena nghid lilu.

Osval Il-papa' dalwaqt ikun jaf b'kollox.

Leone Prosit! Bravu! U prosit lili wkoll. Tassew li bdejtha kmieni wisq din l-arti ta' l-imhabba....imma xejn ma jimporta. L-ewwel imhabba aktarx illi dejjem tfalli, imma ~~xejn-ma~~ inti zghazugh bil-ghaqal hafna u l-imhabba tieghek ma tfallix. Mhux hekk?

Osval Kemm inti buffun dalghodu......

Leone Ghaliex ~~t~~hares Osvaldo fuq is-sengha ta' l-imhabba jiena nifhem xi haga....

Osvaldo Kellek bzonn tifhem hekk fil-lezzjoni tal-Grieg....kieku ghaddejt mill-ezamijiet.

Leone Fill-lezzjonijiet tal-Grieg m'hemmx hlief dwejjaq, mentri fis-sengha ta' l-imhabba hemm l-isbah poezija. Mill-bqijja hares, m'ghandekx ghalfejn tibza......jekk trid tizzewweg il-papa' mhux sejjer ihassarlek......biss dik li Baruni jizzewweg hajjata.....

Osval X'ghandek dal-ghodu, Leone?

Leone Xejn, xejn.....il-papa' tieghek jadurak. Jixtieq jarak dejjem hieni u f'kollox jikkuntentak.

Osval Tahseb li jikkuntentani f'kollox?

Leone Sgurissmu. Jikkuntentak aktar mill-papa' tieghi meta jkollu jdahhal idejh fil-but biex ihallasli d-djun tal-loghob. Illi jkollok missierek jikkuntentak f'kollox hija l-isbah invenzjoni, izda jiena naghzel illi nkun iben. (Tinstama l-qanpiena ta' barra).

Osval Hekku........(Jinhasad).

Leone L-avukat hux tassew? Allura se nhallik, biss qabel nitlaq nixtieq insellem lil papa' tieghek.......

Xena IV.

Ganni u ta' qabel

Ganni (Jidhol). Sur Kontinu, hawn l-avukat Marinuzzi ma......

Osval Mur avza lil papa', pero' ghidlu li gie biss l-avukat. (Ganni johrog).

Leone Allura ghax-xalata ma nqiesuk xejn, hux tassew?

Osval Xejn. Sellili ghal tad-dar tieghek.

Leone Tkun servut. Nawguralek li tkun felici. Nittama li ghad tigi gurnata u nkun naf minn hi din it-tfajla iffortunata li kellha l-hila tikkonkwistaghlek qalbek.....

Xena V.

Konti, Osvaldo u Leone

Konti (Jidhol). Osvaldo, l-avukat Marinuzzi qed jistenniek fis-sala l-hamra.

Osval Sejjer nikkumpanjah. Insellimlek Leone. (Johrog).

Leone Sur Konti, sejjer inhallik.

Konti Sejjer?

Leone Qdejt il-missjoni tieghi mill-ahjar li stajt....dalwaqt tkun taf kollox. Ma kontx ingannat, lil ibnek bhal hafna zghazagh ohra qabditu l-influenza ta' l-imhabba. Sur Konti, xejn ma nghidlek, nawguralek il-hena, u qies li taghmel henjin lil dawk iz-zewg qlub li l-imhabba ghamlithom haga wahda. Hallihom jghixu henjin fil-bejta tad-destin taghhom. Arrivederci, sur Konti.

Konti Addio, Leone; grazzi u nawguralek li taghmel vjagg tajjeb.

Leone Niktiblek mill-Egittu. (Johrog mill-lemin).

## Xena VI.

Konti, Osvaldo, Patri u Enrico

Konti (Imur fil-biebt l-fond jilqa lil Enrico Marinuzzi). Habib Marinuzzi, merhba bik fid-dar taghna.

Enric Buongiorno, sur Konti.

Konti (Jintebah bil-Patri u jinhasad). Osvaldo!!

Osval (Jidhol u jillumpanja lil Patri, izda ftit imbezza). Papa', nipprezentalek lil Patri Klement, Salesjan, habib tieghi u ta' Marinuzzi.

Konti (Mosbien). Poggu......l-ewwel darba Patri li kelli l-pjacir naghmel konoxxenza tieghek.

Patri Ghamilt kumpanijja lil avukat habib tieghi Enrico Marinuzzi.

Konti Noffrilkom xi haga?

Patri Grazzi, ir-regola ma tippermettilix niehu xejn barra mill-hin.

Konti Ma nisforzakx. Int, Enrico?

Enric Jien ukoll qed nitharreg biex nibda nosserva r-regolamenti tal-patrijiet Salesjani. (Jitbissem).

Konti Allura tassew, behsiebek tidhol Patri ma Dun Bosco?

Enric Iva, dan il-Mulej irid minni. Kont diga fuq l-ghatba tal-Qorti biex niddefendi kawza.....f'daqqa wahda gie x'qalli biex insir Sacerdot. U hekku illi ghada ghandi nitlaq ghal Ruma biex nibda n-Novizzjat. Ghalhekk gejt biex insellimlek.

Konti Ma nahbilekx illi din ghalija hija sorpriza kbira......

Patri Is-Sinjur Alla llum qed ifittex l-Appostli mhux biss fix-xtut il-bahar fost is-sajjieda, izda ukoll fost l-istudenti ta' l-Universita', fost il-ministri ta' l-istat, u ukoll fil-palazzi ta' l-artistokrazija. Dawn huma smienijiet moderni.

Konti (Lil Enrico). Kif Enrico? Kont diga ghamilt isem f'din il-belt, kellek quddiemek gejjieni l-aktar sbieh u sejjer ticcahhad minn kollox?

Enrico Inqa zgur illi l-gejjieni tieghi ikun aktar sabieh qalb dawk it-tfal li ghad irrid miltaqa maghhom fil-missjoni tieghi......inkun l-avukat ta' l-erwieh quddiem Alla. Incir immallef bis-setgha li jaghtini Alla biex nehles l-erwieh mid-dnubiet. Xi trid aktar sabieh minn dan?

**Konti** Imma din hija vera fantasija.........inti tmur tithallat ma dawk it-tfal sdingati li jigbru madwarhom ulied Dun Bosco? Inti tifel wahdani thalli lil mam' tieghek wahedha?

**Patri** <u>(Jitbissem).</u> Is-sur Konti jrid forsi jaghmilha ta' avukat tad-demonju?

**Konti** <u>(Jitrieghex).</u> Ma.........

**Enric** Lil mama' hallejta tibki, imma hija bhala mara qaddisa hija rassenjata ghal dan is-sagrificcju. Anzi thoss ruha kburija. Hija ma tarax il-jum li tich tarani tiela t-tarag ta' l-artal bhala sacerdot. Fadalli hames snin ohra biex niehu l-quddiesa.

**Konti** <u>(Idur fuq il-Patri).</u> Skuzani, Patri, imma nistaqsi jiena: dan mhux bidu ta' genn?

**Patri** X'inti tghid, sur Konti?

**Osval** Enrico, inti ridt tara dak il-ktieb? <u>(Lil Konti).</u> Papa', Enrico xtaq jikkonsulta ruhu fuq il-ktieb tal-Gaudenzi, li ghandna fil-Bibljoteka.

**Konti** Isbah din.....anzi jekk ghandek pjacir ghada nibghatlek kopja tieghu......ikun ir-rigal tieghi.

**Enric** Grazzi, sur Konti....wisq gentili!

**Osval** Immorru Enrico. <u>(Osvaldo johrog ma Enrico).</u>

<u>Xena VII.</u>

Konti u Patri

**Patri** <u>(Wara pawsa).</u> Igifieri, sur Konti, inti tikkonsidra bidu ta' genn illi wiehed ihalli d-dinja biex jikkonsagra ruhu lil Alla bhala Ministru Tieghu ghal gid ta' l-umanita'?

**Konti** Hekk jidhirli jiena meta wiehed ghandu diga l-lawrja ta' avukat.....

**Patri** Dawn huma l-mirakli tal-Grazzja! Dak li sejjah l-avukat ma jonqos li jaghtieh kull ghajnuna biex jirbah kwalunkwe sagrificcju.....

**Konti** Nghidlek sincerament, jiena nisrani ftit u xejn....biered. Immur ghal quddies nhar ta' Hadd biss. Xi darba rajt ukoll lilek u smajtek ukoll tippriedka, Imma xi trid taghmel. Ahna trabbejna taht l-Alpi ghal kesha tas-silg. U fi zmienijiet ohra....ftit u xejn libertini fir-Religjon. Ghaldaqstant ghandek tikkumpatini jekk m'ghandix dik il-fjamma taqbad go qalbi ghal fidi bhalma ghandek int..... Hekk edukawna. Ghalhekk meta jiena nara zghazugh bhal avukat Marinuzzi jaghti l-Addio lil ommu, lil-fortuna li kienet qeghda tistennieh, dan il-fatt jikkuncertani...... anzi biex inkun sincier, dan il-fatt narah att ta' gjufija. Insomma......illusjoni.

Patri Anzi inti, sur Konti, lill-avukat tafu tajjeb......taf kemm hu zghazugh fuq tieghu u kemm huwa intelligenti.....

Konti Ghalhekk qieghed nistaghgeb!.......

Patri (B'intenzjoni). Difatti huma hwejjeg li jghaggbuk.....

Konti Madankollu, mhux sejjer inkun jiena illi nregga lura lil Enrico mill-vokazzjoni tieghu......biss jiddispjacini ghaliex ibni Osvaldo sejjer jitlef l-ahjar habib li ghandu.

Patri Naghtu kaz ghada fil-ghodu ibnek ifettillu jghidlek illi jrid jidhol Patri Salesjan huwa wkoll, inti kieku xi tghidlu?

Konti Inqas biss irridek tkellimni minn dawn l-affarijiet....... Anzi inti Patri, imissek tafu lil ibni Osvaldo.......gie li rajtu miexi mieghek......u qal illi inti habib tieghu......

Patri Veru. Ibnek tassew habib kbir tieghi u jaghmilli unur; ili nafu snin......anzi jien huwa il-konfessur tieghu, mieghi jiftah qalbu.

Konti Jekk huwa hekk, tant ahjar; is-sema baghtek ghandi.

Patri Ix-xewqa tieghek hija kmand, sur Konti.

Konti Ili zmien nahseb biex nigi ghandek, xtaqt inkellmek...... imma ma kellix il-hila nirfes fuq l-ghatba tal-Kunvent tieghek imhabba certi idejat li ghadni kemm ghidtlek. Il-lum il-Providenza: kif tghidu intkom, il-Patrijiet; baghtitek ghandi.

Patri Tixtieq tkellimni? Ghidli, fuq kollox inwiegbek, barra minn dak li smajt fil-qrar.......

Konti Is-sema jilliberani.....hares Patri, qudduiemek ghandek missier, missier itturmentat illi jixtieq jaf......hares, l-inqas bil-boghod ma rrid nawwar fil-kuxjenza tieghek...... naf li inti ghandek segrieti sakri li jaghlliqulek fommok, is-segriet tal-qrar u dan jiena nirrispettah.

Patri Niehu gost li fakkartuli, izda jekk ninsa kollox is-segriet tal-qrar ma ninsieh qatt.

Konti Fihmtni mela, sur Patri; mhux minn dak li smajt fil-qrar sejjer inkellmek, imma minn dak li ibni jghidlek barra mill-qrar. Ara, sur Patri, ili zmien ninnota f'Osvaldo illi qieghed jahbili xi haga li qeda timmartilizzah..... qieghed jahbili xi segriet illi jiena nixtieq naqta subghaj u nkun nafu. Inti meta jitkellem mieghek, qatt ma ntbaht b'xi haga?

Patri (Bi tbissima). Tassew il-Providenza baghtitni ghandek dalghodu......

Konti Mela taf b'xi haga?

Patri Naf iva, u gejt apposta biex inkellmek.

Konti Ghidli mela, thallinix fuq il-gamar tan-nar. Ghini biex infejjaq lil mahbub ibni.

Patri Lil ibnek inti biss tista tfejjqu.

Konti Ghidli x'nista naghmel ghalich?......

Patri Sur Konti, flimkien ma' l-avukat Enrico, ibnek ghada ghandu huwa wkoll jidhol ghan-novizzjat biex isir Salesjan.

Konti (Mistaghgeb). Ibni Osvaldo!!

Patri Appuntu.

Konti Inti qieghed ticcajta?!........

Patri M'inix qieghed niccajta.....ftit ilu staqsejtek: "Jekk ghada ibnek jghidlek......" Imma issa sejjer nghidlek illi l-lum Osvaldo sejjer jitolbok il-permess biex imur jibda n-novizzjat. Gejt ghandek ghal ta' l-apposta biex naghtik din l-ahbar. Ghalhekk hallewna wahedna ibnek u l-avukat biex inkun nista nghidlek dan......huma qeghdin hemm fil-kamra ta' Osvaldo jitolbu biex l-imsejkna kelma tieghi jirnexxila tirbah l-Idejal l-aktar divin.

Konti Imma ghaliex Osvaldo qatt ma qalli xejn?

Patri Ghaliex jibza mic-cahda tieghek. Huwa jaf l-iedjat tieghek......u jibza li ma tifhmux. Meta inti kellimt lil l-avukat, ridt kwazi tiskuraggich, inti ma ndunajtx, izda jiena rajt lil Osvaldo jisfar qiesu xemgha.

Konti U allura baghat lilek biex bil-kelma oratorja tieghek jirnexxilek tipperswadini u tisraqli lil ibni minn hdani?

Patri Nisraqlek le, imma ngieghelek tifhem il-gmiel u l-kobor tal-grazzja t'Alla.

Konti (Jinfaqa). Ma nitkelimux izjed minn dawn l-affarijiet! Intkom tghixu fis-shab, jiena ragel ta' karattru.

Patri Ragel nisrani?.......

Konti Jiena ragel li nghix il-hajja reali u bil-fantasija. Jiena kont lest biex naghmel kollox biex nara lil ibni felici, imma ma nistax nippermetti illi huwa jintilef wara l-hwejjeg sentimentali li intkom dahhaltulu f'mohhu......

Patri Naghtik kelma ta' Sacerdot, sur Konti, li kien ibnek l-ewwel li kellimni mill-vokazzjoni tieghu. Jiena nkuraggajtu iva.....heggigtu ghaliex hija haga sabieha li taghti ghajnuna lil min irid jittajjar il-fuq sabiex jilhaq l-idejal tieghu.

Konti Insomma, jien huwa l-missier u ghandi d-dritt kollu li nholl u norbot dawn l-idejat ta' ibni.

Patri Ghandek dritt u d-dmir, izda inti tafhom id-doti u l-karattru ta' Osvaldo? Huwa sakemm ha din id-decizjoni studja sewwa lilu nnifsu. Il-vokazzjoni tieghu ma hiex bhal nar tat-tiben, imma hija decizjoni zgura, certissma.

Konti Fl-eta' ~~tiegh~~ ta' dsatax il-sena huwa facli li taqa' fis-sentiment tal-poezija.....tahseb li qieghed tisma l-lehen t'Alla ~~ee~~ u jkun biss il-lehen tal-bnedmin......~~sin~~ insomma ta' Patri habib tieghu.

Patri Sur Konti, inti qieghed tipprova tniggisni ngustament.....

**Konti** Iva, iva......ghaliex inti ma gejtx hawn hlief biex tisraqli lil ibni minn hdani! Anzi ga bdejt biex tbeghdu minni......Patri, inti iva, ccahhadt mill-gid, mill-imhabba, mill-hajja, imma taf ghaliex? Ghaliex qalbek hija bicca silg ghal dawk li gibuk fid-dinja! Intkom ma tafux x'ifisser: thobb dik il-hlejqa li gibt fid-dinja, iben li huwa d-dinja ta' hajti, il-mimmi t'ghajnejja! U inti tigi gewwa dari b'dik l-arja ta' qdusija ~~imek~~ imhejji biex bil-kliem tieghek melliesi tohromni gewwa x-xibka u tisraqli lil iben wahdani mahbub tieghi! U trid li quddiem dan kollu nibqa sieket u ma nghidx kemm ghandi hila? Ma nitqabadx? Le! Le! Le! Nappella sakemm tohrog ruhi!!! Kif qatt ma stajt temmen illi jiena daqstant vili illi nbiegh dik il-hlejqa tieghi? Ghidli, x'mezzi uzajt biex waqqajtu f'din in-nassa?..... Qieghed nifhem......l-interess.......il-papa' ta' Osvaldo huwa ghani meta l-papa' tieghu imut, ibnu jiret kollox u jirbah kollox il-kunvent. Hekku l-idejal tieghek, Patri. Flus, flus, il-borza ta' Guda!

**Patri** Hallejtek taghti sfog lil qalbek.....sur Konti....... (Offiz ghall-ahhar). Id-dispjacir geghlek taghddi l-limiti tar-raguni.

**Konti** Id-dulur fetahli ghajnejja biex inwaqqaghlek il-maskra ta' l-ipokresija li ghandek fuq wiccek!

**Patri** (Imrazzan). Ma nwasslux dan il-fatt ghal tragedja, sur Konti. Jiena nifhem l-imhabba li ghandek ghall-ibnek u d-dispjacir li tista thoss ghal firda tieghu......ahna li chadna ghal frughat tad-dinja, li chadna l-imhabba vanituza, nsibu l-Genna taghna bejn l-erba hitan tal-Kunvent. Imma emminni, Alla biex itaffilek id-dulur ta' din il-firda jaf jixhet fuqek il-manna tal-hlewwa. Rajt dmugh jixxerred, rajt qlub jinhaslu bid-dmija bhal tieghek! Izda wara mbaghad, fuq wiccom dehret tbissima ta' l-ikbar hena!

**Konti** Patri, fittex li tifhimni nitolbok.....m'ghandix hlief iben wiehed.....tlift lil marti u fieh nara lilha fix-xebh kollu, ukoll f'lehnu, nisma l-lehen ta' l-ghaziza marti. Huwa biss jimlieli d-dar, lil qalbi. Isem, ghana, titoli, hajja, kollox ikkoncentrajt fix-xbiha tieghu. Fieh rajt il-holm sabich kollu tal-hajja u inti trid tiehuduli?...... Trid tifridni minnu?

**Patri** Jiena ma gejtx biex nifirdu minnek, imma gejt biex nghaqqdu aktar ma qalbek b'imhabba sublimi! Issa inti thossu marbut mas-sensi tieghek, imbaghad thossu mdewweb haga wahda ma ruhek. Meta wiehed jiccahhad mill-hwejjeg tad-dinja il-qalb tieghu donna tindura ruha, l-imhabba titqaddes u ssir bahar ta' l-akbar affetti! Jekk huwa jibqa fid-dar tieghek id-dinja tehodulek l-istess....titfacca l-mara fit-triq tieghu, irawwem familja fid-dar tieghu, u bejn il-mara u l-ulied..... addio l-imhabba ta' missier......fil-waqt illi jekk huwa jaghti ruhu l-Alla ibattal qalbu minn kull imhabba ohra ta' din l-art u f'qalbu ma jibqax hlief inti biss....Inti biss, sur Konti. Ommi dejjem baqghet is-sultana ta' qalbi u jiena dejjem bqajt it-tfajjel taghha.

**Konti** Intkom titkellimu dejjem mill-ispirtu ghaliex tghixu f'dinja tad-deheb. Il-fatt huwa illi ibni johrog mid-dar, u nibqa wahdi b'qalbi ferita!

Patri — Jiena fhimtek mill-ewwel.....inti missier u ghandek ir-raguni kollha li thobb lil ibnek. Imma ghaliex thobbu imissek twarrab id-dulur tieghek biex taghmel lilu hieni! Biex thallieh jghaddi minn dik it-triq li Alla hejjielu.

Konti — Appuntu ghaliex inhobbu nghidlu: "Le!". Jien irrid nohloqlu hajja mill-lewn il-ward u inti trid izzommu kalzrat fill-Kunvent, trid tikkundannah ghall-hajtu kollha mcahhad minn kollox, sahansitra mid-dawl tax-xemx. Le!, qalbi, il-kuxjenza jitolbu d-drittijiet taghhom u ghalhekk ibni ma jhallix din id-dar.

Patri — Sur Konti, inti titkellem hekk ghax m'ghandek ebda ideja tal-hajja taghna. Il-kunvent ghalina huwa l-arka tad-deheb, ic-cella ckejkna taghna hija bhal gnien ta' l-Eden, il-ktajjen ghalina huma gwienah, ic-cahdiet jimlewlna qalbna b'dik il-hena safja bhal ta' l-angli. Hekk ibnek ~~jaghmel~~ ghazel ghax habb din il-hajja, ghax jaf illi fic-cahdiet sejjer isib il-hena ta' qalbu, dik l-hena illi inti trid tohnoqielu.

Konti — Ma jimpurtanix, nghazel l-izbal milli nittradixxi l-kuxjenza tieghi; jekk jien inbiegh lil ibni, ghall-hmerija.

Patri — It-tradiment jinsab billi inti tikser dawk il-gwienah li bihom ibnek irid jittajjar ma dawk il-Kerubini li gew maghzulin biex bill-missjoni taghhom jigglorifikaw l'Alla.

Konti — Jiena nista nuri idejja naf minn kollox ghaliex inxejt ma' dak li qaltli l-kuxjenza tieghi.

Patri — Il-kuxjenza trid tkun taf tgharrbilha.......il-kuxjenza hija l-eku tal-lehen t'Alla, u Alla bhal dan il-mument qieghed jikkmandalek li thalli lil ibnek isegwi l-vokazzjoni tieghu.

Konti — Inti donnok trid idahhal fl-ixkora lili wkoll.....inti ghandek qalbek mizbugha bis-sentimentalizmu u jiena ghandi qalbi mimlija bl-imhabba! Ghidtlek "Le", sur Patri; jiena ma niccahhad qatt mill-ghaziz ibni Osvaldo. Jiena ghalieh biss qieghed nghix, tifhimni.....huwa l-ninni t'ghajnejja. Huwa ruhi, jekk ghandna ruh......imma kollu ghal xejn li nissokta.....ghaliex inti ma tafx xi tfisser imhabba......

Patri — <u>(Imhegge\g).</u> U dan inti ssejjahlu imhabba?......Imhabba hija dik tal-mama' ta' l-avukat, illi bid-dmugh f'ghajnejha qaltlu: " Tinghamel fik ir-rieda t'Alla! Mur sib il-felicita' tieghek, ibni". Il-mahbuba omni wkoll kellha bzonni biex ingibilha l-ghajxien, b'dana kollu qaltli: "Ibni mur, imbierkek b'idejja t-tnejn, Alla li jitma l-ghasafar, mhux sejjer ihalli lili immut bil-guh." Imhabba hija ~~dik~~ ta' dak li jaf isofri biex jaghmel felici lil haddiehor.......din hija l-vera imhabba......inti m'ghamiltx hlief qbadt qalbek bejn idejk, xhettha quddiem ibnek u ghidtlu: "Hawn, ixhet taht riglejk din il-qalb ta' Missier jekk ghandek il-hila". Inti iggranfajt minn xuxtu lil ibnek biex bhal katavru tixhtu gewwa l-qabar.

Konti — Dan izzejjed, sur Patri.

Patri — Iwa, inti m'intix hlief egoista'! Inti ghidt li kont lest biex taghmel kollox biex tarah felici......mela ghaliex imsejken zghazugh tkissirlu dawk il-gwienah li bihom johlom it-titjira ghal-Genna? Alla ghazlu bhala strument biex

isalva l-erwieh u tkun inti li taghlaqlu l-bieb f'wiccu? Kieku tilef xi somma flus fil-loghob malajr kont thallashielu; kieku habb xi tfajla wkoll fqira, ma kontx thares lejn in-nobbilta' tieghek.......kieku ghamel xi zball malajr kont tghattihulu, imma li taghmel daqsxejn ta' sagrificcju u ticcahhad ftit minnu dan le......hekku l-imhabba kollha li ghandek ghalieh......izda sur Konti, ogghod attent ghal dak li sejjer nghidlek: "Il-Providenza t'Alla fethet it-trieq risplendenti li minnha ghandu jghaddi l-iben ghaziz tieghek u jekk qatt ghall-egoizmu tieghek taghlaqhielu, lil ibnek tista tghoddu bhala bniedem mitluf.

Konti Allura inti qieghed tgheddidni!......imma b'dak il-lehen ta' Epokalissi m'intix sejjer tbezzaghni. Jiena nisfidak!

Patri Mhux lili.....inti qieghed tisfida l'Alla! U gwaj ikun ghal dak li jehodha kontra r-rieda Tieghu!......

Konti (Infurjat). Imma minn Hu dan is-Sinjur Alla li ghandu s-setgha jisraqli lil ibni minn hdani?

Patri M'ghandux is-setgha? Imsejken Konti!....Forsi missierek, inti u ibnek ma sirtux minn dawk l-idejn li halqu kollox? Forsi huwa inti s-sid tal-hajja? Inti sirt missier ghaliex Huwa tak is-setgha. Iz-zerrigha li xettlek lil gismek nizlet minn dawk l-idejn li jistghu kollox u l-fergha li harget minnek hija t'Alla wkoll. U inti bibell tghid jekk ghandux setgha......Huwa l-veru Missier, Huwa s-Sultan ta' kull mahluq, Huwa s-Sid tas-Sema u l-Art!.

Konti Patri, inti hsibt illi sejjer tirbahli qalbi, u jiena nghidlek illi dak ix-xaqq dawl ta' fidi li kien ghad fadalli, issa ntefa wkoll. L'Alla ma nafux izjed! Ma nafux izjed galadarba qed narah fik bhala hallieL illi jrid jisraqli lil ibni. Dak huwa tieghi u tieghi biss qieghed tifhimni? U behsiebni niddefendieh ukoll bil-ligi, qed tifhimni? Ghad ghandu dsatax il-sena, ghad ghandi d-dritt fuqu. Jiena niddefendieh kontra kullhadd, ukoll kontra s-setgha Divina!

Patri Sur Konti, inti qieghed tidghi!

Konti (Jghajjat). Le, m'inix nidghi! Imma qieghed niddefendi ghax inhobb! U issa nghidlek bizzejjed! (Pawsa). Patri, tista titlaq. M'ghandna xejn xi nghidu izjed.....u terga qatt tigi izjed fid-dar tieghi!......Nipprojbik ukoll biex lil ibni ma tkellmux izjed.

Patri Is-sur Konti jista jkeccini l'barra, imma qatt ma tista torbot bil-ktajjen id-dmirijiet tieghi.

Konti (Isejjah). Osvaldo! Osvaldo!

Xena VIII.

Osvaldo, Enrico, Konti u Patri

Osval (Jidhol ma' Enrico). Papa'.......

Konti Il-Patri sejjer u mill-lum il-quddiem nipprojbik illi tersaq ma gembu, fihmtni?

Osval (Bhal tallab). Papa'........

Patri (Li wasal ma gemb il-bieb biex jitlaq). Enrico, imxi mmorru. Ejja nhallu din id-dar qabel ma jaqa' fuqha l-kastig li huwa jixtieq.

Osval Patri Klement........

Patri Osvaldo! L-Imghallem Divin qal: "Min ihobb l'ommu u lil missieru aktar minni mhux denn li jghix mieghi". Ara li tkun qawwi.....

Konti Barra! Barra!.......(Il-Patri u Enrico johorgu minn-nofs).

Xena IX.

Osvaldo u Konti

Konti (Jirrifletti). "Min ihobb l'ommu u lil missieru aktar minni mhux denn li jghix mieghi". Osvaldo, hemmhekk hemm Kristu, hawnhekk hawn missierek, ghazel.......Biex tohrog minn dak il-bieb qabel trid tghaddi minn fuq sidri...... ghidli, ghandek il-kuragg tishaq din il-qalb biex tohrog minn dak il-bieb?!

Osval (Jibqa imbikkem bhal statwa).

Konti (Jersaq ma gemb Osvaldo bl-akbar imhabba). Le, inti ma tistax thalli din id-dar ghaliex thobbni. Ghaliex inti l-iben wahdani tieghi!

Osval (Deciz). Le, papa', jiena nohrogx minn dak il-bieb ghaliex ghad m'ghandix l-eta' tieghi u l-anqas nista nigi accettat fil-kunvent minnghajr il-permess tieghek.

Konti (Milqut mill-akbar dulur). Ghalhekk ~~xx~~ biss ma titlaqx? (Jaghfas lil Osvaldo biejn idejh). Ibni, imma inti ma tarax? Ma thossx dak li qieghed insofri jiena? Ma tismax il-lehen ta' l-imhabba jghajjat f'widnejk? Allura missierek ~~xxxx~~ mhu xejn aktar ghalik? Jekk mhux ghall-imhabba, ghall-inqas ikollok hniena mid-dulur tieghi! Jiena donni ma nafekx aktar....... Min bidlek hekk? Kif sahhrek dak il-Patri? Migmun......

Osval Papa', tinsultax lil dak il-qaddis, illi m'ghandu ebda htijja.....kont qieghed nistenniha din is-sigha ta' dwejjaq. Imma qatt ma kont nistenna li sejra tkun qalila daqshekk.

Konti Allura trid tmur?

Osval Bil-permess tieghek, iva.

Konti (Jitlef kull pacenzja). Dan ma jkun qatt! Nghazel li narak mejjet hawn quddiemi milli tmur tinghalaq fil-kunvent.

Osval U jiena nghazel ukoll il-mewt milli nibqa fid-dinja.

Konti Jekk tahsiba hekk tista titlaq! Itlaq! Fittex itlaq mid-dar tieghi! Tista tghid illi jiena keccejtek. Itlaq. Inti issa hieles minn kollox.....

**Osval** <u>(Donnu jrid jitharrek, izda jhossu ruhu msammar ma' l-art).</u> Ma nistax! Fuq l-ghatba ta' dak il-bieb hemm qalbek mahsula bid-demm u ma' nistax nirfes fuqha! <u>(Jitluf kwazi jibki).</u> Papa', id-dmugh tieghek jorbotli riglejja ma' l-art. Inti ghidtli "Mur", imma naf li inti aktar qieghed torbotni......qieghed jonqosni d-dawl u ma nista nifhem xejn izjed! Papa'! Papa'! Hallini nitlaq fil-paci. Imma, le......issa qieghed nibza nhallik! Dak il-bieb miftuh qieghed ibezzghani, jimbuttani lura.....Alla tieghi, ghatini l-qawwa! <u>(Jibki).</u>

**Konti** <u>(Jerga jaqbad lil ibnu).</u> Imsejken Osvaldo! Inti qieghed tirtoghod! Inhossok li trid tiddewweb gewwa qalbi ghaliex inti ghadek thobbni! U ghalhekk tifhimni! Il-Patri sejjahli egoista......imma inti le. Inti thoss illi jiena huwa l-missier ghaziz tieghek.......

**Osval** Papa', hija proprja l-imhabba li qeda taghmik.....u bdejt biex taghmi lili wkoll! Imma ghidli, papa', x'sejjer ikun minna t-tnejn?

**Konti** <u>(Jaghfsu ma' sidru).</u> Xejn ibni, kollox kien holma. Dalwaqt jghaddi kollox mar-rieh. Dak il-patri sahhrek billi poggielek quddiem ghajnejk il-Vizzjoni tal-melankonija, imma issa nahseb jiena kif inroddlek id-dahqa fuq xuftejk. Il-hajja hija sabieha. Fiha ssib hafna ward taht riglejk ma' kull pass li taghti.....nghallmek jien kif tghix il-hajja ta' ward. Jiena nghallmek taghraf il-vera hajja..... il-hajja li toffrilek il-hlewwa fil-kalci tad-deheb. Stenna daqsxejn.....<u>(Imur fuq it-telephone u jifforma numru).</u> Leone.....inti? Isma, Osvaldo gej ix-xalata maghkom. Lesti zewg postijiet.

**Osval** <u>(Jghajjat).</u> Le, papa', dak qatt!

**Konti** Anzi l-lejla mmorru t-tejatru naraw opra flimkien. Lesti ruhek.....

**Osval** Papa', x'inti tghid?

**Konti** Ibni, ghadek fil-fjur taz-zoghzigha tieghek.....ghandek id-dritt illi tiehu l-parti tieghi mill-hena u mill-felicita' li toffri d-dinja.

**Osval** <u>(Jitluf minn sensieh).</u> Papa', inti sejjer tirrovinani.

**Konti** Le, jiena sejjer insalvak.....insalva lil ibni! <u>(Imellsu bhal tarbija).</u> Tara, ibni, il-hajja hija mimlija b'kull gid, imzejjna b'kull gmiel, mimlija bid-dawl, bil-fwieha! Ghalik ukoll hemm ir-raggi tax-xemx, il-girlandi tar-rand! Hemm xita ta' bews u ta' ward! Ibni!.....ibni l-ghaziz! <u>(U kif il-missier qieghed imelles lil ibnu bhala tifel ckejken, tinghalaq helu, helu il-purtiera).</u>

T M I E M   T A'   L - E W W E L   A T T

=========================================

## It-Tieni Att

Sala Kbira fid-dar ta' Ludovisi, aktar lussuza mill-ewwel Att. Fil-fond vetrata kbira li thares għas-sala tal-pranzu. Bieb in-naha tax-xellug. Tieqa ma ġemb il-proxeniku, fil-fond bieb illi jdaħħlek għal kamra ta' Osvaldo; ma ġemb it-tieqa sofa u pultruni. Fin-nofs tavolin b'dak li jinhtieġ għat-tipjip, gurnali, rivisti u telephone, madwar it-tavolin, pultruni zgħar tal-ġild. Linfa mdendla mas-saqaf u xi lampi oħra fl-irkejjen tas-sala. Malli tinfetaħ il-purtiera, il-palk ikun fid-dlam. Jinstemgħu ukoll ilħnijiet ta' dawk li qiegħed jippranzaw ġewwa, daqq u daħq. Il-pranzu huwa mitmum. (Tista tkun ix-xena ta' l-ewwel Att. Għaddew tliet snin).

### Xena I.

Cesko, Ganni, Osvaldo, Leone, Raoul, Ginetto, Domingo u l-Konti.

**Cesko** (Jidħol bis-servizz tal-kafe' għal sitta u jpoġġieh fuq it-tavolin). Il-kafe' hawn.

**Ganni** (Jidħol mis-sala tal-pranzu). Tajjeb, Cesko. Ix-xorb lestejtu ukoll?

**Cesko** Poġġejt kollox fil-kamra tal-pranzu. Kelli nixtri whisky aktar għax is-sinjorinu Osvaldo il-bieraħ svojta l-flixkun l-ieħor ukoll. Dan il-kontinu mian xi zmien il-hawn qiegħed ipejjep daqs ċumnija u jixrob qiesu sponza....

**Ganni** U inti tlablab daqs mara......

**Cesko** Qaluli li l-Kontinu Osvaldo darba kien tajjeb ħafna..... kien reliġjuz.....anzi kellu ħajra illi jsir Patri Salesjan. Prosit x'patri sar fieħ!.....

**Ganni** Minn dak iz-zmien għaddew tliet sħin u fi ftit snin saru ħafna affarijiet.......

**Cesko** Imma kif saret din il-bidla kollha fieħ?

**Ganni** Fejn naf jiena.....imbagħad hares, issa mhux mument li nitilfu z-zmien fit-tlablib. Is-sinjuri u l-mistednin dalwaqt iqumu minn fuq il-mejda tal-pranzu. Mur, u żomm kollox għall-ordni, xorb u sigaretti. (Cesko Joħroġ. Ganni jmur ma' ġemb il-bieb li jagħti għal kamra tal-pranzu u jgħid lil ta' ġewwa). Sinjuri, meta tridu l-kafe' lest.

(Osvaldo, Leone, Raoul, Ginetto jidħlu in xena mis-sala tal-pranzu, il-Konti u Domingo jaslu l-aħħar jitkellmu da parti bejnithom. Osvaldo u ħbiebu jpoġġu ma ġemb it-tavolin fejn hemm is-servizz tal-kafe' kollha jpejpu. Ganni iservihom il-kafe').

**Osval** (Bħal min għadu qiegħed jissokta d-diskors). Mela kont qed ngħid lil l-għarusa tiegħi: "Taf tgħidli x'inhu l-aħjar għal tfajla bħalek?"

Leone Li terga titwieled mill-gdid?

Raoul Illi jkolla libsa ta' l-ahhar moda?

Ginet Ghidilna inti, Osvaldo......

Osval Ghidtilha: "Tghallimt taghmel kollox barra miz-zfin".

Leone U hija x'qaltlek?

Osval Qabzel fuqi bhal qattus.....pero' wara ghamilna paci mill-gdid.

Ginet Imma kemm swietlek dik il-paci......

Osval Swietli libsa tal-Martara u meta jispiccala l-kuntratt mill-Kumpanija tal-varjeta' nehoda mieghi ghal xaghrejn mal-papa' f'San Remo. (Lil Ganni). Ganni, gibli iktar whisky.

Konti (Li sama lil ibnu). Osvaldo, taf li dan ix-xorb kollu qieghed jaghmillek id-deni?....

Osval (Minnghajr ma jaghti kaz tal-Konti, lil Ganni). Ghidtlek gibli whisky iktar. (Jissokta jitkellem ma hbiebu). Leone, ghadek m'ghidtilna xejn kif mort fuq it-tapit l-ahdar.....

Leone Halluni.....halluni, ghax jaqbadni l-bard!

Osval Titlef dejjem eh?

Leone Infallibilment.....jghidu illi l-fortuna hija ghamja. Imma jiena ma nemminx.....kieku tassew ghamja xi darba taqa' fi hdani bi zball......

Ginet Pero' inti iffortunat fl-imhabba....

Leone F'dik iva, ma nghidx le........ (Joffri x-xorb lil Domingo). Whisky, jekk joghgbok? Inti bhala Amerikan m'intix sejjer tirrofta tazza whisky?

Domin (Serju).. Fl-Argentina nitkellmu bl-Ispanjol.

Osval (Lil Ganni). Dak il-flixkun hallieh hawn. (Jurieh il-flixkun ta' l-imbit).

Leone (Wara li xorob). Tajjeb......tafu li Gastone l-lejl l-iehor kellu ndigistjoni qawwija ghax xorob hafna xampagna? L-ghada qam fil-hamsa ta' wara nofs-in-nhar. Kellu wiccu qiesu ta' Gappuniz u kien ghadu jhoss l-istonku tieghu il-mewg tax-xampagna.

Ginet Forsi kien ghadu ma helesiex?

Raoul Jew forsi telghatlu ghal rasu.......(Jidhqu l-hin kollu).

Konti (Jara lil Osvaldo ghadu jixrob). Nitolbok Osvaldo, toxrobx izjed. (Osvaldo l-anqas biss ihares lejn il-Konti).

Leone (Lil Raoul). Bil-haqq sur Raoul, qaluli illi l-bierah rawk fil-motor mas-sinjorina Roccelli?

Ginet Ma dik li tizboh xaghra?

Osval Araw illi dik hija xebba onestissima.

Raoul Difatti minn hawn u ftit iehor tkun il-mara tieghi.

Leone Sa fl-ahhar......

Raoul Kontra qalbi pero'.......

Ginet Kif?

Raoul Mela, ghax ma kellix hsieb nizzewweg ghal issa.... sejjer nizzewweg malajr ghaliex il-papa' ghandu seba mitt seba sekemm jarani naghmel l-ghaqal.

Leone Insomma, sejrin narawk ragel marbut bil-katina kontra qalbek.....

Domin (Iqum minn postu). Dawn l-affarijiet fl-Argentina jissejjhu vilta'!

Leone Bl-ispanjol?

Domin Fl-ispanjol jew bit-taljan dejjem hija haga wili illi tizzewweg ghax jisforzawk il-genituri.....iz-zwieg huwa qawsalla ta' l-imhabba......

Leone U zgur, l-Amerika hija l-Gens tal-Liberta'.

Ginet Tassew illi t-tejatru "Metropolitan" ta' Buenos Aires jaghmel riduzzjoni kbira ghal min irid jara seba films kulljum?

Domin Mela x'inhu......a l-ispettaturi jiehdu maghhom l-ikel u zewg imhaded ghall-irqad.

Giann (Li sema icempel it-telephone imur u jaqbad ir-receiver). Iva.....iva,,dalwaqt mieghek. (Lil Konti). In-Nutar Anselmi.

Konti (Imur jaqbad ir-receiver illi halla Ganni). Hallo...... iva, tista tigi.....anki l-lejla stess.....trid tigi issa? Tajjeb, nistennieh......kollox sewwa. (Ihalli).

Raoul Diga d-disgha. Ic-cena fid-dar Ludovisi ma tispicca qatt.

Leone (Lil Osvaldo). Fi xhin sejra tkanta r-repertorju taghha l-gharusa tieghek?

Osval Ghal habta ta' l-ghaxra.

Leone Ghandna sew iz-zmien illi mmorru d-dar u nilbsu l-evening.

Ginet Arrivederci, sur Konti u grazzi.....inti offrejtilna cena ta' sultan. Fakkartni f'dawk ic-ceni delizzjuzi ta' meta morna Milan.

Konti Imbaghad int.....hallu min jarakom, uliedi.....

Leone (Lil Domingo). Senjor Domingo, jiena kieku nigi mieghek bil-pjacir kollu fl-Argentina, New York, Chicago, Hollywood. Nahseb illi dawn huma bliet fejn wiehed jista jghix fil-wisgha?...

Domin Pero' qabel trid tistudja ftit il-geografija.....

**Raoul** Meta behsiebek titlaq senjor Domingo?

**Domin** Hmistax il-gurnata ohra.

**Raoul** Xi dnub.....kont nistiednek ghat-tieg tieghi.....

**Domin** Grazzi, ~~xxxx~~ ftit nghaddi f'dawn l-affarijiet.

**Raoul** Intkom nies antiki.....

**Leone** Addio Osvaldo; niltaqghu fit-tejatru "Odeon". (Il-hbieb kollha jaghmlu l-atti ta' konvenjenza ma Osvaldo, mal-Konti u ma Domingo u johorgu).

## Xena II.

Konti, Osvaldo u Domingo

**Konti** (X'hin jara lil Osvaldo hiereg). Fejn inti sejjer Osvaldo?

**Osval** Sejjer inbiddel biex immur nisma lill-gharusa tkanta.

**Konti** Nista naf minn hi din l-gharusa tieghek?

**Domin** Hija kera? Sabieha? Bil-ghaqal xejn?

**Osval** Hija tfajla bhal haddiehor; jisima Lulu.

**Domin** Dan isem ta' xi debba jew?

**Konti** Imma xaghrejn ilu m'ghidtlix li kien jisima Wally?

**Osval** Wally? Ma niftakarx li ghidtlek hekk.....imbaghad f'xaghrejn jitbiddlu tant affarijiet.....

**Domin** Karamba! "La Donna e' Mobile"......eh? "Qual Piu mal vento"......

**Osval** (Jaghti harsa kera fuq Domingo u jaqbad se johrog).

**Konti** (Isejjahlu). Osvaldo!.....ghadek l-anqas biss kellimtu lil habib tieghi......

**Osval** Tkellem diga hu bizzejjed mal-hbieb tieghi, u x'edukazzjoni!

**Domin** Ridtnix incapcpilhom idejja wkoll lil dawn il-hafna kanalja.

**Osval** Dawk huma fjur tal-galantomi.

**Domin** Fjur tal-kanalja.....

**Konti** (Osvalda jaghti s-salt biex johrog; il-Konti Jergajzommu). Osvaldo, ieqa f ftit hawn; ghandi bzonn inkellmek.

**Osval** (Nervuz). Issa m'ghandix zmien....imbaghad ma dan is-sinjur ma tistax tirraguna.....

**Domin** Eppure jinhtieg tirraguna ftit mieghi.

**Osval** Inti tlift kull sens tar-raguni.

**Domin** U inti insejt id-dmirijiet li ghandek m'Alla u mal-bniedem, habib tieghi.

Konti	(Imur f'nofshom). Ismaghni Osvaldo; tagħtix kaz tal-karattru tieghu, ~~u~~ u inti, senjor Domingo, habib tieghi, ippermettili inkellmu ftit jiena.....

Domin	Iva, ghallmu ftit galateo......(Imur ipoggi fuq is-sofa').

Konti	(Lil Osvaldo bil-hlewwa). Ibni, inti darba m'ghidtlix li ghandek xewqa taghmel vjagg barra mill-Italja?

Osval	Meta ghidtlek dan?

Konti	Xi tlieta......erba snin ilu.

Osval	Ghandek memorja tajba, papa'.

Konti	Allura? Trid tipprofitta ruhek? Is-sur Domingo dalwaqt jitlaq ghall-Argentina, mur mieghu......

Osval	Jiena? Mmur l-Argentina ma dak? Nieghed tieghajta, papa'. Il-lejl it-tajjeb. (Ikun sejjer).

Konti	Ismaghni Osvaldo....inti dejjem kont tixtieq taghmel vjagg twil......ftit arja stranjiera, ftit ~~haggghajja~~ hajja gdida jaghmlulek tajjeb.

Domin	Ftit xoghol......

Konti	Jaghmillek tajjeb ghal sahhtek u ghall-kultura....

Osval	Ma nistax.....tajt kelma ta' ragel.....Lulu'.....il-hbieb, imbaghad dalwaqt tibda l-istaguna tal-Casino' ta' San Remo. Din is-sena sejjer ikun hemm torneo tat-tennis importanti hafna f'San Remo.

Domin	X'gojja ta' Kontinu fik....kul u ixrob u mix-xoghol izloq.

Konti	Allura ma jkunx tajjeb li tbiddel daqsxejn il-programm ta' hajtek? Imur tghix ftit il-hajja Amerikana......il-habib tieghi huwa lest biex jimpjegak fin-negozju tieghu....jiena naghtik somma ta' flus li tkun tista bihom tiftah xi fabbrika....insomma tittanta l-fortuna tieghek.

Osval	Fihmtek.....b'dan il-vjagg inti trid tivdini mill-gharqa.

Domin	Ix-xoghol jinnobilita aktar mit-titolu ta' Konti, ta' Markiz.....ukoll ta' Sultan.

Konti	Ghidtli naqlvak mill-gharqa ? Dan imbaghad.....

Domin	U zgur....ghalfejn togghod tahbihielu.......

Osval	Ghidu li tridu....senjor Domingo, nirringrazzjak, imma jiena ma naccettax. M'ghandix bzonn min jivdini, ghaliex warrabt l-iskrupli kollha u xejn m'ghandu jbezzaghni. Jiena tajt iz-zoghzigha tieghi f'dirghajn id-dinja u ma jimpurtanix aktar x'jghidu n-nies fuqi. Fl-ahhar mill-ahhar jiena m'ghandix bzonn nahdem, gid ghandna biex nghixu zzejjed.

Domin	Ahjar kieku ghidt: "Gid kellna bizzejjed".

Konti	(Lil Domingo). Iskot! (Jaghlaqlu fommu).

Osval	(Lil Domingo). X'tista taf int? Inti m'intix l-amministratur tal-gid taghna.....

**Domin** U kieku kont? Ftit fadallek x'wiched jamministra.

**Osval** Ah, iva? Fihmt tajjeb jien? L-interessi sejrin hazin u allura gie l-habib ta' l-Amerika biex isewwi.....biex jivdina nsomma. Drub li m'intix xi ziju.....u trid tohodni mieghek biex immidd ghonqi ghax-xoghol? Tassew ghamilt mossa ta' Kavallier.....int huwa l-Feddej taghna! (Jidhaq sfurzat).

**Konti** Ibni, ggibx id-dinja fix-xifer......ghadna ma wasalniex sa dan il-pont.

**Domin** Imma ma ddumux ma taslu.....

**Osval** (B'zuffjett). Ghaldaqstant, trid timpjegani mieghek. U x'sejjer ikun dan l-impieg? Tridni namministralek il-kapital tieghek?

**Domin** [illegible] Ghadni ma ggenintx.

**Osval** Allura xi trid? Nogghod nindukralek il-baqar, il-merhla tal-majjali? Jew nogghod ghassa ma' l-ilsiera suwed? Ma tarax li tlift ir-raguni, biex tippretendi dan mill-Kontimu Ludovisi.....mur arani nigbor fil-valiggi, l-pigami, il-qomos tal-harir, l-ingravati, il-frak, nghati l-addio lil palazz tieghi, lit-tejatru, lis-swali tal-loghob, lil l-gharusa, biex immur fl-Argentina nirgha l-majjali u nissallvagga ruhi qalb dawk in-nies suwed tal-Pampas. (Jidhaq kemm jiflah).

**Domin** Meta ssemmi s-suwed tal-Pampas ghandek tnaddaf xuftejk. Inti lis-suwed gauchos tafhom biss mill-qari tar-rumanzi, imma jiena li ili nghix qalbhom tletin sena nghidlek illi l-gauchos huma rgiel li jghixu bl-umuri kollha, bl-onesta' u bil-gharaq ta' gbninhom. Huma nies li jaqdu dmirijiethom, mhux bhalek, donnok xi figorin midluk bil-lavanda li ma tiswiex hlief biex twassal fir-rovina lil-papa' tieghek. Mur berbaq gidek ma hbiebek, ma dawk in-nisa mizbughin bhal idnjani, u zgur li m'intix sejjer thammeg dawk il-qomos tal-harir.....ix-xoghol jaghmillek dizunur, sur Kontimu. Jekk jisthoqqlok dan l-isem, int anqas inti denju li tmiss demp iz-ziemel li jirkeb fuqu wiehed mis-suwed tal-Pampas.

**Osval** (Bit-tmellieh). U zgur li m'inix sejjer inhammgu Bil-fwieha tal-lavanda t'idejja, u anqas irrid ninfettah fl-idejat tieghi pregudikati.

**Domin** U zgur.....imma, ghandha tigik il-misthija li ma tfittix xi xoghol jghodd ghalik.....

**Osval** Lil papa' l-kunvent m'ghogbux.....hekk Huwa ried jarani. Huwa kuntent bil-kondotta tieghi. (Jidhaq).

**Konti** (Mugugh). Nitolbok Osvaldo, ghalaq fommok. Forsi Senjor Domingo m'ghandux ragun.....ix-xoghol jaghmel nobbli lil bnidem.

**Osval** Ix-xoghol? Imma intom ma tifhmux illi meta tkun ghixt il-hajja li ghixt jiena, hajja imsoqqija mill-pjaciri kollha, hajja profumata u hielsa mill-irbit kollu morali ma tistax tmidd ghonqok ghax-xoghol.....jiena ma naf naghmel xejn, ghaldaqstant kif triduni nahdem? U anki kieku naf naghmel xi haga, ma rridx nahdem, issa tard wisq....

**Domin** Imma meta ssib darek mal-hajt.....

**Osval** Allura imbaghad hemm hafna x'taghmel......hemm il-loghob ta' l-azzard, u jekk ma nsibx fortuna fil-loghob allura tir ta' revolver fuq rasi u jkun it-tmiem.....

**Domin** ~~[illegible]~~ Sengha sabieha toqtol ruhek b'idejk!

**Konti** Osvaldo, issa hallini nghidlek illi inti mignun!

**Osval** Jiena kont avzajtek......tiftakar? Issa bdejt u behsiebni nibqa miexi fit-trieq tieghi safejn iwassalni d-destin.... jekk inti qieghed tibza tbżeghed minni, jekk thoss xi tingis tal-kuxjenza tini dak illi jmissni mill-mama' tieghi u ibghatni l-barra. Tridx tibghatni issa stess anki ma taghtini xejn?

**Konti** Trid tarani mejjet Osvaldo? Mela sikket ilsienek!

**Domin** Osvaldo, kieku kont ibni bhal issa kont norbtok ma sigra u ndewwqek in-nerv, halli naghllmek tisfen ir-rumba!.

**Osval** Anzi qieghed tfakkarni illi Lulu' qieghed tistennieni t-tejatru. Sahha u sellili ghal Gauchos kollha. <u>(Jidhol fil-kamra tieghu).</u>

## <u>Xena III.</u>

Konti u Domingo

**Domin** U inti kont ktibtli li ibnek huwa mudel tat-tjubija.

**Konti** Kien tajjeb......imma.........<u>(Jghatti wiccu b'idejh ghax jara l-htijja tieghu kollha).</u> Irrovinawh! Hassruh!

**Domin** Inti tajjeb wisq, sur Konti......jinhtieg il-frosta.

**Konti** Forsi ghazilna mument hazin biex inkellmuh. Kien nghaggel. Il-lejla kien nervuz wisq u inti ma gharaftx tkellmu fil-hlewwa.

**Domin** Anzi kellimtu ta' veru kavalier.

**Konti** Nerga nipprova nkellmu wahdu u xi haga niehu minnu.

**Domin** Eh, m'hemmx aktar x'wiehed jittama. Ibnek huwa bniedem mejjet, fallut.

**Konti** Iskot.....tghidlix dan il-kliem.....ghaliex illi nhossu jsawwatli l-isperanza tieghi! Kien qalli xi haga wiehed Patri Salesjan xi tliet snin ilu, u kellu ragun......u l-hati huwa jien......jiena li biex gridtlu l-holma qaddisa biex isir Sacerdot tfajtu fit-trieq ta' l-infern! Kont jiena iva, li ftahtlu ghajnejh ghal hazen, ghar-rovina! Meta ghidtlu: "Ghadek fil-fjur taz-zoghzigha, ghandek id-dritt tgawdi l-pjaciri kollha tad-dinja!" <u>(Kwazi jibki).</u>

**Domin** Allura ippermettili nghidlek li ma kontx hlief imbecilli.

**Konti** Iva, ghidli ghaliex jisthoqqli t-tmaqdir kollu......imma issa rrid insalvah akkost tal-hajja tieghi.....ghad ghandi tama.....

**Domin** Mezz wiehed fadallek......salva dawk il-flus u l-bini li fadallek u lil ibnek itfghu l-barra mid-dar. Isma minni; u tara kif meta jaghfsu l-guh, ukoll jirgha l-majjali fil-Pampas qalb is-suwed, jaddatta ruhu.

**Konti** Ma nistax nibghatu l-barra mid-dar. Dak huwa ibni; id-destin tieghi huwa marbut mieghu. Jekk kont jiena l-htijja tar-rovina tieghu ma nistahx inhallieh jintilef wahdu. Jien ukoll ghandu jkolli l-kastig tieghi! (Kwazi jibki).

**Domin** Inti dghajjef wisq habib tieghi Konti, filwaqt li b'daqsxejn ta' energija ghadek tista ssalva lilek u lilu.

## Xena IV.

Ganni u ta' qabel

**Ganni** (Jidhol u jghid lil Konti). Hawn in-Nutar Anselmi.

**Konti** Ghidlu jghaddi. (Ganni johrog).

**Domin** Addio, jiena sejjer inhallik. Nittama u niddubita.....

**Konti** Meta behsiebek titlaq?

**Domin** Hmistax il-gurnata ohra.....

**Konti** Tajjeb, nittanta nerga nkellem lil Osvaldo, forsi jirnexxieli naghmel xi haga....

**Domin** Jew il-frosta, jew il-guh......m'hemmx mezz iehor ghal dak l-impjastru......il-lejl it-tajjeb, habib tieghi.

**Konti** Arrivederci Domingo.

**Domin** Karamba! (Jitlaq).

## Xena V.

Nutar u Konti

**Nutar** (Jidhol u jsellem b'rasu lil Konti). Sur Konti.....

**Konti** Buona sera, Nutar; gibtli xi ahbar tajba?

**Nutar** Jiddispjacini nghid.....mhux tant tajba.....

**Konti** Nisimghu; issa drajt niema ahbarijiet hziena. Poggi bil-qeghda.

**Nutar** (Ipoggi). Grazzi. Kif diga gharraftek drabi ohra, sur Konti, l-amministrazzjoni dejjem tonqos bhal pass ta' ggant. U b'dan kollu ibnek dejjem inaqqas il-kapital u qieghed jiffirma anki xi kambjali.

**Konti** Xi kemm?

**Nutar** Mill-ahhar li kellimtek ha mitt elf frank. Hekku.....hawn. (Johrog xi kambjali mill-valigga).

**Konti** M'hemmx ghalfejn turini xejn.

Nutar Jekk l-affarijiet jibqugh sejrin hekk ma jdumx ma jkollok falliment. Diga bghettlek it-titoli kollha.... Ghamilt kif kont ghidtli inti stess.

Konti Il-Villa ta' Sorrento?........

Nutar Kont ghidtlek li beghniha wkoll.....konna beghniha erbghin elf frank. Imma jekk ibnek ma jissoktax.......irrid nghid ma jiffirmax kambjali izjed jispiccaw dawk ukoll u ma jdumux....

Konti Tajjeb, issa nitkellem ma Osvaldo.

Nutar Anzi jekk is-sur Konti jippermettili naghtieh parir bhala habib tal-qalb.

Konti Ghidli Nutar.....

Nutar Ghidt jien kieku tiftiehem mas-sur Kontinu u tohroglu tant fix-xahar ma jkunx ahjar?

Konti Nirringrazzjak hafna, izda ma nistax naccetta l-parir tieghek. Dak kollu li nippossedi jappartjeni lil ibni minn-naha t'ommu.

Nutar Skuzani.

Konti Xejn. Ghandek affarijiet ohra xi tghidli?

Nutar Ghalissa xejn aktar.

Konti Allura hallas dawn il-kambjali illi ffirma ibni wkoll. (Itihomlu).

Nutar Tajjeb wisq.

Konti U zommni nfurmat minn kollox, specjalment jekk Osvaldo jerga jiehu xi flus biex ihallas id-dejn.....

Nutar Dmir tieghi, sur Konti.

Konti Arrivederci, sur Nutar.

Nutar Arrivederci, sur Konti. (In-nutar isellem u jitlaq. Il-Konti jibqa jippassigga hosbien).

Xena VI.

Ganni u Konti

Ganni (Jidhol wara pawsa). Sur Konti, nista nitfieh id-dawl?

Konti Itfi u ghalaq il-bieb tal-gnien.

Ganni (Jitfi l-linfa tan-nofs u jhalli biss il-lampa ta' fuq il-mejda).

Konti Osvaldo hareg diga?

Ganni Le, sur Konti. Qieghed jilbes ghat-tejatru.

Konti Tajjeb. Meta johrog tista tmur torqod inti wkoll.

Ganni Grazzi. Jekk is-sinjorija tieghek tippermettili, xtaqt nghidlek.....

Konti X'hemm?

Ganni Il-Kontinu ibnek jidhol dejjem tard. Anzi kwazi jidhol meta jkun ghoddu sebah.....

Konti Oh, xwejjah tieghi.....dawn ghadhom zghazagh, jinhtieg thallihom jagimlu.....

Ganni Ahfirli.....imma.......

Konti Imma?

Ganni Dik li jidhol dejjem fis-sakra....

Konti X'inti tghid, Ganni?

Ganni Il-bierah fil-ghodu giebuh hawn tnejn minn-nies fis-sakra mejjet, u......

Konti Wasal biex jaghmel dan? Issa zzejjed!

Ganni U ridt nghidlek ukoll.....imma......forsif'dan m'ghandix nindahal.....

Konti Ghidli, ghidli, tisthi xejn! Naghtik il-permess li tghidli kollox.

Ganni Ftit diffieli.....stajt anki ghidtlek qabel, imma stennejt li ma jergax jirripetiha u ghalhekk......

Konti Iva nista nkun naf x'gara?

Ganni Jiena ma nafx jekk is-sinjorija qattx osservat......meta l-Kontinu ma' tantx ihossu tajjeb jibda jirtghod, u jkollu certu skossi ta' nervi illi jbezzghawni, imbaghad donnu jibda jiddellirja, ghajnejh jitberrqu u b'idejh donnu jrid iqatta l-lozor tas-sodda!

Konti Li sar nervuz hafna naf, imma li wasal biex jewlen.....pero' tghaddilu......

Ganni Sur Konti, jiena kelli wiehed habib tieghi u bhal ibnek kien jixrob hafna. L-effett tax-xorb kien jattakkalu f'mohhu u baqa biex miet fl-isptar ta' l-imgienen.

Konti Inti donnok trid tpingili xi tragedja!

Ganni Skuzani, sur Konti, m'ghandi ebda rieda li ninkwetak, imma ibnek ghandu bidu.......

Konti Bidu ta' genn trid tghid?

Ganni Il-gimgha l-ohra meta kellu dik it-thaqbieqa mieghek rajtu fil-kamra tieghu ihares mit-tieqa b'ghajnejh mitlufin u hargitlu ghajta! Beda jghid: "Hares hemm dak il-farfett, qieghed jixrob minn dik it-tazza". Riedni nhares, izda jiena ma rajt xejn hlief lil Osvaldo bir-rawha niezla minn halqu.

Konti U dan jaghtik x'tahseb?

Ganni Ma jaghtini x'nahseb xejn.....imma imbaghad......

Konti X'inhu imbaghad?

Ganni Il-bierah wara l-pranzu rajtu jibki u ersaqt lejh u staqsejtu: "X'ghandek, sinjorinu?" U huwa jolfoq, wegini: "Il-papa' tieghi miet! Miet il-papa' tieghi! X'naghmel issa li sfajt iltim wahdi?" Issa stess x'hin kien qieghed jilbes ghat-tejatru beda jghid certu kliem bla sens, imbaghad waqaf ihares fit-tul fil-mera bhal bniedem qieghed johlom. Nghidlek is-sewwa bezzghani u biex ma narahx f'dik il-hassra hrigt nigri l-barra.

Konti X'kellu jghaddi minn ghalija!.......imma Ganni, din hija forsi daqsxejn ta' krizi li tghaddi ma ddumx......

Ganni Nittamaw, sur Konti.

Konti Taf jekk il-qaddejja l-ohra indunawx b'xi haga?

Ganni Ma nahsibx.....izda l-kamriera smajta tlablab xi haga.....

Konti Iskot Ganni; kliem izjed xejn.

Xena VII.

Osvaldo, Konti u Ganni

Osval (Jidhol ghall-gharrieda liebes elegantissmu bl-evening izda mharbat u milqut minn impressjoni tal-biza'). Dik il-kewba bix-xuxa.....dik il-kewba sejra taqa' fuq din id-dar.....attenti! Salvaw raskom! (Jghatti rasu b'idejh it-tnejn u jibda jdur mas-sala donnu mignun).

Konti Osvaldo!........

Osval Aharbu! Aharbu! In-nar diehel mit-tieqa! Min qabbad in-nar? Itfuh, nitlobkom.....itfuh! (Imur jaqbad il-flixkun tal-whisky li hemm fuq it-tavolin u jixrob li kien fadal sal-qiegh).

Konti (Jigri ghal fuq Osvaldo u jahtaflu l-flixkun minn idejh izda jkun tard wisq). Osvaldo, dan ix-xorb qieghed jaghmillek hazin hafna......tixrobx aktar, nitolbok!

Osval (Ihares lejn missieru u madwaru donnu skantat). X'inhu? ........x'hemm?.......x'hin hu? (Jiskanta fuq Ganni u jghidlu....). Inti xi trid minn hawn? Itlaq il-barra!

Ganni (Jitlaq hafif).

Xena VIII.

Konti u Osvaldo

Konti (Issa li ra b'ghajnejh u baqa donnu mbikkem. Pawsa twila. Jghid lil Osvaldo bi hlewwa kbira fil-waqt li Osvaldo qieghed jirranga hwejjgu). Xi gralek, Osvaldo?

Osval (Fil-waqt li qieghed jirranga c-coff u ghadu ftit agitat). Oh, inti papa?.....ma grali xejn.....kultant jaqbadni bhal sturdament.....inhossni nervuz....loghob tal-fantasija.... (Jitbissem bhal mignun). Ftit arja u jghaddi kollox.

Konti Ghadek trid tohrog?

Osval U zgur illi rrid nohrog.....jekk imbaghad ma tridx issakkarni fid-dar....

Konti Imma ibni, tohrog ghadek hekk stordut? Poggi ftit bil-qeghda.....ghandi bzonn inkellmek, mument wiehed imbaghad mur.

Osval Ma nistax. Lulu' tistennieni.....imbagha d halli ghaliha daqs kemm hija ghajjura.

Konti (Imur jiftah tieqa u jpoggi lil Osvaldo bil-qeghda ma genbu). Hekku, ftaht ftit it-tieqa biex tidhol l-arja ta' fil-ghaxija, tghamillek tajjeb hafna.....

Osval (Li beda jigi ftit f'sensieh). Telaq il-habib tieghek tal-Gauchos?

Konti Is-sur Domingo? Telaq, tista toqghod trankwill.

Osval Imma ghandu jerga jigi?

Konti La m'ghandekx pjacir bieh.....

Osval Le, qatt! Ghamilt hazin li stedintu biex jigi hawn.

Konti Imma jiena ma kontx naf.....issa insa kollox. Bravu, issa qieghed narak aktar kalm, aktar twajjeb.....issa oqghod ismaghni ftit.....

Osval Malajr ghaliex irrid immur. (Johrog xi karti mill-but). Papa', dawn huma zewg kontijiet li ghad irrid inhallashom. (Jaghtihom lil Konti).

Konti (Wara li hares lejn il-karti). Zewg kontijiet?

Osval Haga zghira hafna, kont tal-profumerija u l-ohra tal-libsa li xtrajt lill l-gharusa.

Konti Tajjeb, hallihom hawn. Appuntu, minn dan nixtieq inkellmek. Ibni, minn ftit il-hawn inti qieghed tberbaq flus wisq, u l-kapital taghna kwazi wasal fix-xejn. (Osvaldo jaghmel xi gest). Tinkwetax ruhek......ghadna ma wasalniex biex immorru nitolbu, izda jinhtieg illi naghmlu ftit ta' l-ekonomija, ghall-inqas f'certi affarijiet.....nahseb illi jkollna nibghatu l-barra lil xi whud mill-qaddejja..... ix-chauffeur per ezempju. Int l-karrozza taf issugha.... u hares, ibni, inti wkoll, tista tnaqqas minn dik il-profumerija u specjalment mix-xorb.....

Osval Ghaliex ma nbighuwx il-villa ta' Sorrento?

Konti Beghniha diga.

Osval Il-gojjelli tal-mama'.....

Konti Dawk imbaghad le, ma jkun qatt.

Osval U iva, antikita'. Bieh il-medalji tan-nanna.

Konti Dawk merfughin ghal futura mara tieghek.

Osval Imma hares l-hawn; jiena m'ghandi ebda hsieb li nizzewweg.

**Konti** U ivam ghadna ma wasalniex f'din l-estremita', basta li kif kont qieghed nghidlek; naghmlu ftit ta' l-ekonomija.

**Osval** Impejjep l-anqas.......

**Konti** Dan mhux bizzejjed Osvaldo.....jinhtieg li ticcahhad minn xi haga ohra....jinhtieg taqta x-xorb.

**Osval** Dan imbaghad zgur li le! Nibqa ~~nixmob~~ nixrob sal-qiegh.....sakemm nasal fil-mizerja....sakemm nasal biex immur nitlob bicca hobz!

**Konti** Imma ghaliex twebbes rasek? Trid tasal fix-xejn? Fir-rovina.....

**Osval** Mhux inti kont li ghidtli: "Naghzel illi narak mejjet milli narak sacerdot?" Ara issa.....

**Konti** Ibni! Iggeghlnix inkun ~~xxxxxx~~ ahrax mieghek! Jien qieghed nghidlek ghall-ahjar tieghek ukoll.....billi taghmel daqsxejn ta' sagrificcju, tnaqqas dan il-lussu, tnaqqas ftit mix-xorb, ghall-inqas insalvaw id-dekor taghna u ma nigu bzonn hadd, ghaliex hekk sejrin niftaqru u jkollna nsofru l-guh.

**Osval** Jiena ma nhobbx it-tqancic, jew kollox jew xejn.

**Konti** Imma dan huwa vera genn!

**Osval** Ikun. Mhux inti ridttu? Mhux inti ghallimtni? Wara li bieghedtni mill-Vokazzjoni kemm il-darba ghidtli: "Il-hajja hija sabieha, gawdi l-hlewwa tal-felicita'".

**Konti** Tinkurlax mieghi b'din l-ironija. Dan ghamiltu ghax habbejtek.....iva, ghall-imhabba lest biex nissapporti kollox: insulti, faqar, dizunur. Jiena huwa l-qaddej tieghek, il-kelb tieghek, nigi warajk fejn trid ghaliex jiena marbut mar-rota tad-destin tieghek.....nigi warajk sa xifer il-qabar. Tlitt snin ilu l-imhabba ghamitni u l-lum bhala kastig ghada tghamini. Pero' ghadni nhoss fija xaqq dawl ta' dinjita' ta' rimors ta' kuxjenza. Le, ibni, tharisx bl-ikrah lejja....jien inhoss lehen jgheddidni u kwazi jishetni.....jiena kont mieghek hazin, ibni, jiena iva wassaltek f'dan l-istat, imma issa rrid insalvak! Jiena li qbadtek minn drieghek u bhal ma jaghmlu l-ispirti tal-hazen ghaddejtek mit-trieq ta' l-infern.....issa rrid insalvak.

**Osval** Issa tard wisq. Tahseb inti li meta wiehed jaqbad din it-trieq tal-pjaciri, jista jieqaf f'nofs it-triq? It-trieq ghan-nizla u tgerbeb, tgerbeb sakemm wiehed isib il-fond. Kemm il-darba qalbi mdardra, ghajjiena tghidli"Bizzejjed". Eppure ma nistax ma nixrobx tliet flixken whisky kulljum, u l-bqijja.....

**Konti** Jinhtieg li taqta fil-laham il-haj.....jinhtieg taghmel tibdila malajr.....tbiddel l-ambjent, il-hajja. Hekku ghaliex ikkonsiljajtek taghmel vjagg sa l-Amerika.

**Osval** <u>(Sparat)</u>.Le, ma rridx! Ma rridx! Inti ipprofittajt minn dan il-mument ta' debbolizza biex iddahhalni fija nnifsi, biex tirbahni.....izda ghal xejn....trid li issa nsir galantom? Le! Huwa tard wisq!

**Konti** Qatt ma hu tard wisq ibni. Ismaghni Osvaldo, ejja nhallu din id-dar.....nitbeghdu mill-hbieb u mid-drawwiet taghna.

**Osval** Le, le, ma nistax izjed! Issa l-hazen dahal il-gewwa wisq, dahal f'kull cellola ta' mohhi, f'kull nerv ta' qalbi! Gisem u ruh qajmu go fija bhal gwerra kontra kullhadd sahansitra kontra tieghi nnifsi. Dan il-hazen, din il-gwerra inkaxkara mieghi kull fejn immur u ma nistax neqrida jekk ma neqridx lilinnifsi. Imbaghad ftit fadal x'neqred, ghax bhal ma rajt ftit ilu.......x-xorb ga qeridni ghal kollox, bdejt biex niddellerija. Rasi marida u nahseb illi.....wasal biex nghid sahha lil kullhadd.

**Konti** Tghidx hekk, Osvaldo. Jiena ghalhekk xtaqtek li tnaqqas mix-xorb.....tieqaf imqarr ghal ftit minn din il-hajja mohlija fil-pjaciri, biex taghmel ftit tal-kura u tfieq, tivdi lilek innifsek minn dan il-gwaj......

**Osval** Niccahhad mix-xorb biex nghix? Il-granet ta' hajti huma mghaduda. Ghalhekk iz-zmien li fadalli rrid ingawdieh sa l-inqas qatra. Ingawdi, ingawdi, tejatru, ballijiet, profumi, fjuri minn kull lewn u xorb bla qies! Ghaliex inhossu riesaq il-mument illi ma nkunx nista nixrob izjed! (Jidhaq kemm jiflah donna miqnun). Nixrob sakemm tigi l-mewt u tehodli t-tazza minn idejja. (Jerga jidhaq kemm jiflah).

**Konti** (Qalbu maqsuma bil-ghali). Allura tassew trid toqtol ruhek b'idejk ibni?

**Osval** Ikun! Ma jimpurtanix.....il-hajja ma sservinix hlief biex nahraq aktar fwiedi biex xorb!

**Konti** Imma dan jiena ma nistax nippermettieh aktar.....inti ibni, u dik il-hajja li inti qieghed tigred tghajtielek jiena.

**Osval** Ghamilt hazin li tajtieli ga la darba ma ridtx tiena dak il-lehen li ghajjatli biex insegwieh.......

**Konti** Kullma ghidtli s'issa mhux hlief girja ghal gewwa l-qabar. Dan genn! Dan delitt! U jiena ma rridx, ma nistax! Inti bicca minn gismi. Jekk m'ghandekx hniena minnek innifsek, nitolbok ikollok daqsxejn tal-hniena minni!

**Osval** (Biz-zuffjett). Kemm inti tragiku.

**Konti** (Ma jafx x'jaqbad jaghmel izjed). Inti ma tridx twiegeb ghall-lehen ta' qalbi, allura jiena nissokta l-glieda tieghi. Jiena ferejtek u jiena rrid indewwik. Inti ma tafx x'ghandu hila jaghmel missier biex isalva lil ibnu.....insir feroci bhal tigra! Issa sejjer nghid bizzejjed ghal din il-hajja xellerata tieghek! M'inix aktar l-ilsir tieghek, il-pulcinell taz-zuffjett, fihmtni? Jiena huwa l-padrun, jiena nikkmanda u inti ghandek tobdini. Irrid infejjqek. Ismaghni ibni: mill-lejla stess trid taghti l-addio ghal vizzji tieghek kollha u ghada nitilqu boghod minn din id-dar, u jekk qatt trid tehles minni, tiehu l-helsien bil-ponta tax-xabla, ghaliex behsiebni niggieled mieghek b'idejja, bi snieni, ukoll bl-armi jekk ikun jinhtieg.....u nghidlek: inti l-lejla ma tohrog minn dak il-bieb ghax naghlaqhulek bil-qawwa ta' sidri! (Immur joqghod ma genb il-bieb ta' barra u jimbarrah f'dirghajh miftuhin ghamla ta' salib).

**Osval** (Jibda jberraq ghajnejh bhal tigra feroci). Ma thallinix immur it-tejatru? Ma thallinix immur niltaqa ma' l-gharusa? (Imur b'salt fuq il-konti u jahtfu minn sidru. Wara taqbida harxa u mhux fit-tul, isabbat lil Konti ma' l-art). Ridtha inti din il-forza! (Pawsa twila. ihares lejn missieru mixhut fl-art, imbaghad imur ma genb il-bieb ta' barra). Ftakar papa', tlitt snin ilu kont ghidtli: "Wara dak il-bieb hemm Kristu illi qieghed isejjahlek, hawnhekk hawn missierek; biex tghaddi minn dak il-bieb trid tghaddi minn fuq sidri". U Jiena m'ghaddejtx ghaliex kont bnidem dghajjef. Imma l-lum nghaddi bhal iljun! Kemm grajjiet minn dak in-nhar l-hawn.....imxejjna id f'id fit-trieq tad-daghbien migbudin minn katina; jekk minn idejn Divini, jew minn id infernali ma nafx.....naf biss illi dan huwa kastig!!! Imma jekk f'din it-tragedja tingabar tant vilta', il-vili huwa inti! U jekk hemm bniedem responsabbli ta' din il-Vokazzjoni tradita, dan il-bniedem huwa inti" Inti biss il-htijja ta' dan id-delitt! Tiftakar tlitt snin ilu? Kemm kont ferhan ghaliex kont smajt il-lehen t'Alla jsejjahli ghal Sacerdot? Issa m'hemm xejn aktar x'wiehed jaghmel hlief li nixrob l-kalci sall-qiegh nett. (B'dahqa ta' disprezz). Addio! l-gharusa qieghed tistennieni.....(Jitlaq mghaggel mill-bieb ta' barra).

**Konti** (Jahbi wiccu bejn idejh avvelut. Jinxtehet fuq pultruna jibki kemm jiflah; wara pawsa jghid:). Sinjur Alla tieghi, il-kastig Tieghek lahaqni........ (Fil-waqt li jinsab fl-eqqel tal-biki tieghu, tinghalaq il-purtiera).

TMIEM TAT-TIENI ATT

## It-Tielet Att

Xena: Kamra fqira. Mejda, zewg siggijiet, pultruna qadima. Ghaddew sentejn mit-tieni Att ghat-Tielet Att.

### Xena I.

Antikwarju u Konti

Antik (Jissokta t-tahdita tieghu). Ghidtlek tlett mitt frank u l-angas habba izjed.....emminni sejjer nitlef minnu..... ghamiltlek dan il-prezz ghex naf li tinsab fil-bzonn.

Konti Dawk huma l-inkwatri tan-nanniet tieghi, tifkiriet gheziez! Ifakkruni f'tant hwejjeg gheziez tal-familja......

Antik Nifmek.....nifmek......imma il-klijenti tieghi m'humiex sejrin iharsu lejn is-sentimenti tieghek. Is-sentimenti kulhadd ibieghhom, izda hadd ma jixtrihom. Tajjeb, ara nghamluhom tliet mija u hamsin, u ma nitkelmux izjed. Ghandek affarijiet ohra?

Konti Dik il-pultruna t'hemmhekk rajta?

Antik Dik biss? M'ghandekx xi statwa antika, xi kotba ta' valur? Xi gojjelli? Djamanti?

Konti Ma fadalli xejn izjed.

Antik Mela la ma fadallek xejn m'hemmx ghalfejn terga tigi ghandi. ~~Ghax~~ Dan it-tqancic li fadallek ahjar tbighaw lil dak ir-regattier t'hawn isfel. Dak huwa habib tieghi; inkellmu jiena u tara kif ma jittrattakx hazin. (Itieh xi flus).

Konti M'ghidtlix tliet mija u hamsin?

Antik Le.....le..... .ma jistax ikun, jonkella erga hudhom lura.... tajtek izzejjed. Nassigurak illi jiena sejjer nitlef minnhom.....Sinjur, insellimlek. (Johrog).

### Xena II.

Ganni u Konti

Konti (Isejjah). Ganni.......

Ganni (Jidhol). Hekku, sur Kon........(Jieqaf).

Konti Attent Ganni; ghidtlek kemm il-darba illi dak l-isem ta' Konti ma rridx nisimghu izjed.....dak it-titolu ta' Konti sirt inhossu bhal daqqa ta' frosta fuq qalbi!

Ganni Drawwa......li ma nistax naghmel iehor, sur.....

Konti Intant, qed tara, eh? Kelli nbiegh anki l-inkwatri prezzjuzi tan-nanniet tieghi.

Ganni Rajtu johodhom mill-intrata lil dak l-antikwarju.

Konti Issa ma fadal xejn izjed hlief xi imbarazz ghal dak li jixtri l-ghadam u l-hadid.....l-antikwarju qalli: "Ghal dak it-tqancic li fadallek tista tmur ghand dak ir-regettier ta' ma gembna".

Ganni Xi swied il-qalb, sur Kont......sinjur.

Konti (Jurieh il-flus li rceiva minnghand l-antikwarju). Hekku, Ganni, dawn huwa l-kapital kollu li fadalli. U ghalhekk sejjahtlek....tifhem int? Ma nistax naghmel aktar spejjes.

Ganni Bizzejjed sinjur......

Konti Fihmtni Ganni? Fihmtni hux?

Ganni Sejjer tibghatni, sinjur?

Konti Nibghatek le......imsejken Ganni! Imma inti li taf l-istorja taghna.....imma kif naqbad naghmel? Inti wkoll ghandek bzonn tal-kura.....xwejjah kif int! Inti li qdejtni ghal tant snin u soffrejt mieghi. M'ghandekx xi hadd mill-familja li jista jaghtik ghajnuna?

Ganni Iva, ghandi neputi jhobbni hafna; nista mmur ghandu; biccа hobz u ftit minestra naibuha. Imma meta niftakar li ghext mieghek u mal-Kontimu ghal tant snin.....jekk ma ssib ebda diffikulta.......

Konti Ghidli, Ganni.....

Ganni Jekk tippermettili xtaqt nibqa maghkom.

Konti Nixtieq imqar inbiegh il-persuna tieghi biex nikkuntentak, imma jahasra bhal ma tara inti, mahbub Ganni, ma fadal xejn.

Ganni Imma jien ghandi; nfaddal xi haga u bil-ftit tieghi u tieghek.....

Konti Le, Ganni, ma jkun qatt illi nhallik taghmel dan is-sagrificcju. Tajtna diga zzejjed....biss taf inti, ma nistax nissokta naghtik is-salarju.

Ganni X'inti tghid, sinjur? Ma rrid ebda salarju. Kieku ~~ghama~~ jiena servejtek ghal flus ili li tlaqt il-barra bhal ma ghamlu l-qaddejja l-ohra, izda jiena bqajt mieghek fil-gid u fil-faqar li tinsab fieh.....

Konti Tajjeb habib tieghi Ganni, mela iktek lin-neputi tieghek illi inti sejjer tibqa hawn maghna.

Ganni Hallini nistenna ftit iehor.....

Konti Ghaliex trid tistenna?

Ganni Ghaliex ibnek li jinsab hemm gew qalli......geghlni nifhem...

Konti Ganni! Forsi rega bdielek?......

Ganni Iva, mela.....issa ftakart illi ma nistax noqghod izjed hawn gew.

Konti Ganni?!

Ganni Iva mela.....wara jkolli nitlaq......

| | |
|---|---|
| Konti | Wara kif? Mhux inti ghadek kemm urejtni x-xewqa li trid tibqa mieghi? |
| Ganni | Kuragg, sur Konti. Jiena rrid nibqa, imma..... |
| Konti | Kuragg? X'inti tghid? Naf!!! Inti qieghed tahseb li ibni Osvaldo wasal biex imut u malajr? |
| Ganni | Ma nafx.....ma nafx......forsi fihmt hazin....it-tabib insomma........ |
| Konti | (Skuncertat). Qieghed nifhem......qieghed nifhem..... il-mewt hija inevitabbli.....Ganni! Ganni! Ma nafx inkunx niflah ghal dan il-kolp!!! |
| Ganni | Ahjar m'ghidtlek xejn, sinjur. Ma rridekx tintelaq hekk. Ghamel ftit tal-kuragg. (Izomm lil Konti). Hekk t-tabib. (Ganni johroġ meta jidhol it-tabib u jaghlaq il-bieb warajh). |

Xena III.

It-tabib u Konti

| | |
|---|---|
| Tabib | (Jidhol). Buon giorno. |
| Konti | Tabib, inti rajt lil Osvaldo? |
| Tabib | Gej minn hdejh..... |
| Konti | Huwa veru? |
| Tabib | M'hemmx ghalfejn wiehed jinqata. M'ghandniex xi nghidu.... m'hemmx hajja twila......u.......anzi nihsabu fl-ahhar...... |
| Konti | Jekk ghadu fuq riglejh, tabib...... |
| Tabib | Ix-xorb jaghmel hafna skerzi......jiena nghidlek li avolja tarah fuq riglejh, m'hemm ebda tama.....anzi nissuggerilek li jekk tarah jigi xi ftit f'sensieh ghandek il-patrijiet Salesjani ma gembek, sejjah wiehed minnhom..... |
| Konti | (Jaghfas rasu b'idejh). Bizzejjed......bizzejjed, sur Duttur! |
| Tabib | Kun qawwi.....mill-bqijja mhux hlief bniedem minnghajr sensi.....bhal statwa ta' l-irham. Mhux hlief ta' toqol ghalik ukoll..... |
| Konti | Imma dejjem huwa dak ibni li tajt hajti ghalieh! |
| Tabib | Dan ma jichdu hadd...... |
| Konti | Aktar ma huwa mizerabbli aktar nithassru! |
| Tabib | Nifhmek, imma, ukoll kieku kellu jibqa haj, kien jghix biex isofri, ghaliex ix-xorb haraqlu fwiedu u qeridlu mohhu u hekk dalwaqt tispicca t-tbatija ghalieh..... |
| Konti | Huwa jispicca u jiena?!..... |
| Tabib | Inti jinhtieg illi zzomm il-kolp.....halli taffronta l-hajja li fadallek tghix. |

Konti Jiena sejjer nibqa wahdi.....wahdi! Soffrejt tant li ma niflahx izjed! Hames snin illi nibki, minn dak il-mument illi erfajt lehni biex nehoda kontra Alla biex chaddtlu lil ibni......u ibni sar il-vittma! X'sejjer ikun minni? Forsi ninzel fil-qabar mieghu?

Tabib Dan xi kliem hu?

Konti Iva, nixtieq immut jien ukoll warajh. Imma sur Duttur, ma rridx ninsa li rrid inhallsek.....

Tabib Bhalissa, mhux il-mument li nitkellmu fuq dawk l-affarijiet.

Konti Le, le. Irrid inhallas kollox.

Tabib Mhux mehtieg.....tal-visiti l-ohra thallast diga....

Konti Thallast minnghand min?

Tabib Hallasni Ganni, l-qaddej tieghek; qalli: "ha, s-sinjur bghatlek il-flus".

Konti Fhimt kollox. Allura, arrivederci, u jekk qatt.....jigri xi haga......

Tabib Sejjhuli malajr. Mill-bqijja l-inqas tinhtieg izjed il-presenza tieghi....tara kif ma jkunx jinhtieg.... arrivederci u ghamel kuragg.

Konti Grazzi ta' kollox. <u>(Jakkompanjah).</u> Attent kif tinzel it-tarag ghaliex kollu maqlugh.....<u>(It-tabib johrog . Il-Konti jibqa hosbien).</u>

<u>Xena IV.</u>

Konti u Ganni

Konti Kollox spicca ghalija!!!

Ganni <u>(Jidhol).</u> Sinjur......

Konti Inti mahbub Ganni? X'ghamilt?

Ganni Sinjur.....

Konti Eh, twajjeb Ganni; hallastli l-kont tat-tabib....

Ganni Jiena sinjur?

Konti It-tabib qalli kollox.

Ganni Ma nqastekx sinjur, hux tassew? Kelli bagatella. Kienu flus milli faddalt mieghek stess......basta ma nqastekx sinjur.......

Konti <u>(Jaqbad lil Ganni, jaghfsu ma qalbu u jbusu kemm il-darba).</u> Inti wahdek ghandek ftit tal-hniena mill-mizerja taghna. L-ohrajn, il-hbieb kollha telqu jidhqu fuq id-dulur taghna. Issa Ganni, ~~mmm~~ thallinix wahdi, minn hawn u ftit iehor din id-dar tkun vojta u jiena....

Ganni Naraw sinjur......il-mewt u x-xita Alla jaf meta......ahna fejn nifhmu? Imbaghad l-anqas it-tabib ma huwa xi profeta. Anki bix-xjenza tieghu kollha, jaf jiehu zball ukoll. Jiena lil Osvaldo narah dejjem l-istess, bhal granet l-ohra. Ukoll dal-ghodu tkellem mieghi jirraguna qiesu qatt ma kellu xejn. Qabel ma gejt hawn sibtu jilghab b'kappell tal-karta. Sar qiesu tarbija. Imma mbaghad ghandu certi mumenti jirraguna donnu avukat. (Minn barra jinstemghu daqq sabieh ta' qniepen illi jhabbru xi festa).

Konti It-tabib qal biex jekk ikollu xi mument li jigi f'sensieh insejhulu s-sacerdot. Imma jiena ma nafx.....inti xi tghidli, mahbub Ganni?

Ganni Isma sinjur......taf x'ifisser id-daqq ta' dawn il-qniepen? L-avukat Enrico Marinuzzi dalghodu ccelebra l-ewwel quddiesa.

Konti Il-habib ta' Osvaldo ha l-quddiesa?

Ganni Il-bierah iltqajt mieghu; kien ferhan irid itir; u qalli: "Ganni, ghada wara li nqaddes l-ewwel quddiesa, nigi biex nikkonforta lil Osvaldo".

Konti (Malajr). Huwa jigi hawn?

Ganni Sinjur, Patri Enrico qatt ma nsiena.

Konti Minn jaf tassew.....forsi meta ibni jara lil habib tieghu.... imma hawn f'nofs dan il-faqar kollu?

Ganni Patri Enrico mhux sejjer jogghod ihares lejn il-faqar. Huwa baqa dejjem l-istess: il-habib tal-qalb ta' Osvaldo. Anzi qalli ukoll illi fl-ewwel quddiesa tieghu ghandu jghamillu mument ta' talb specjali.

Konti U jiena fid-dulur tieghi qatt ma kelli l-hila nitlob ghal ibni.

Ganni Qatt m'huwa tard, sinjur.

Konti Imma jien anqas naf nitlob....

Ganni Sinjur, kollox ghamilt ghal ibnek, sahansitra gejt fix-xejn; ipprova itlob.......mit-talb jigu l-mirakli, sinjur..... joghgbok tghid mieghi?

Konti Imma kif nitlob jekk qatt ma habbejt l'Alla.....

Ganni Itlob hekk; ara: "Mulej Alla tieghi. (Il-konti jirrepeti kelma b'kelma ma Ganni). La tharisx lejn dnubieti imma hares lejn dik il-vittma ta' ibni li ried iservik. Ikollok hniena minnu".

Konti Ganni, dan it-talb nizel bhal balzmu fuq qalbi. Issa qed inhossni aktar ahjar. Donna twieldet tama gdida fir-ruh tieghi!

Ganni Itlob, itlob sinjur, itlob kemm ghandek hila, avolja ma tafx, imma itlob. Jiena sejjer niltaqa mal-qassis il-gdid, Patri Enrico. (Jitlaq).

## Xena V.

Konti imbaghad Osvaldo

**Konti** "Itlob kemm ghandek hila". Imma dan Alla jismà t-talb ta' min ghamillu gwerra? Ta' min hadlu ministru minn idejh? Kieku ibni l-lum Sacerdot ukoll....."Itlob kif taf". (Jinzel gharkopptejh u jrodd is-salib u b'xufftejh jidher li qieghed jitlob).

**Osval** (Jidhol donnu bhal bniedem iblah donnu jitkaxkar ma' l-art. Idejh jirtghodu ghax ikkunsmat bix-xorb. jirrepeti xi kliem minghajr sens: f'rasu ghandu kappell tal-karta ikkulurita u malli jilmah lil Konti gharkopptejh ifaqqa dahqa twila. Il-Konti sadanittant ghadu gharkopptejh). Ara s-sultan taċ-Ċina!! (Jidhaq). Is-Sultan waqa minn fuq it-tron...... jiena huwa s-sultan. (Lil Konti). U inti kif ma ssellimx lis-sultan tieghek? Tifhem int? Huwa s-sultan li ghaddej; qum bil-wisq, suldat impertinenti!

**Konti** (Jiqaf jhares bil-hniena lejn Osvaldo). Osvaldo!! Ibni Osvaldo!!

**Osval** Inti taf tidhaq? Le?......mela ibki......ibki...... (Il-Konti jghatti wiċċu jibki tassew). Ibki izjed sakemm nghidlek jiena.

**Konti** Osvaldo, ma thossokx ftit ahjar?

**Osval** Jiena tajjeb.....arani sejjer ghal gwerra.....imma le, imma le......ma niflahx.......(Imiss mohhu).

**Konti** (Wahdu). Imsejken ibni; spiċċa ghal kollox.

**Osval** Papa', papa'.......il-papa' tieghi miet?

**Konti** Hawn ibni, il-papa' tieghek ghadu haj......

**Osval** Irrid laringa.....laringa tad-deheb......

**Konti** Ingibiielek. Ogghod bil-qeghda ma' gembi. Thossni? Ttgharafni? Taf minn jiena?

**Osval** Inti huwa dak li jiena narak fil-holm tieghi, li timxi mieghi bhal dell li jbezzghani!

**Konti** Imma ma taghrafnix ibni?.....Hares sewwa lejn ghajnejja. Jiena missierek, il-papa' tieghek.....sejjahli, irrepeti mieghi: Papa'.....papa'......

**Osval** Papa'.....papa'.....ghaliex daqqew il-qniepen qiesa xi festa kbira? Forsi ghax ghaddej is-sultan? Iva, is-sultan huwa jiena.....ippreżentaw l-armi!!!

**Konti** Osvaldo.....tiftakar fil-habib tieghek l-avukat Enrico Marinuzzi?

**Osval** Ma.......ri.......nuz.......zi........

**Konti** Ghadek ~~[illegible]~~ tiftakru hux tassew? Trid tarah? Huwa taht hu tajjeb; baqa' jhobbok. Trid tarah?

**Osval** Imma ghaliex tfew id-dawl? Ifthu t-twieqi, ifthu l-bibien kollha tal- palazz halli tidhol ix-xemx. Irrid nara l-fjuri.....fjuri tad-deheb, gibhuomli, irrid fjuri jfuhu biex bihom nitfewwah u dawl.....(Ifittex b'idejh bhal bniedem ghama). Hafna dawl......

**Konti** Iva Osvaldo! Ara hemm ix-xemx tiela minn xefaq il-bahar; kemm hija sabieha.....f'dak il-gnien hemm ukoll hafna fjuri.

**Osval** Imma jien irrid nixrob....Ganni! Fejn hu l-flixkun tal-whisky?

**Konti** Ganni dalwaqt jigi.....

**Osval** Hawn, f'sidri, fi grizmejja, f'rasi, ghandi vulkan tan-nar......(Jizloq fl-art). Min imbuttani? Klieb!!! Ghandkom il-kuragg titfghawni qalb it-tajn.....qalb in-nar?!!

**Konti** (Imur jerfghu). Iskot......ara gejj il-habib tieghek Marinuzzi.....

**Osval** Tajtux! Tajtux f'widnejja! Qeghdin tbezzghawni! (B'idejh isodd widnejh it-tnejn).

## Xena VI.

Enrico, Ganni, Konti u Osvaldo

**Enric** (Issa liebes ta' Patri Salesjan, aktar qawwi, aktar sabieh, aktar ferhan; jieqaf fil-bieb. Ganni jieqaf warajh). Sur Konti......

**Konti** Patri Enrico, m'inix aktar Konti. Ma jiena xejn aktar, m'inix hlief paljazza ta' l-art. Jiena missier martirizzat! Hekku ibni.....hares f'liema sura jinsab.....jekk inti ghall-inqas tista ssalvalu ruhu jiena nibqa mbierkek sakemm immut. Ipprova Patri......(Johrog ma Ganni).

**Enric** (Imur ma genb Osvaldo, kwazi jinzel gharkopptejh quddiemu u jghidlu bl-akbar hlewwa). Osvaldo, trid naghmlu loghba "chess" flimkien?

**Osval** (Ihares lejn Enrico u jgharrfu; allura jaghjjat ghajta). Inti?..........Inti?......

**Enric** Allura gharaftni? Jien huwa l-habib tieghek Enrico, l-avukat......gejt narak......

**Osval** Iva, inti huwa l-imghoddi tieghi.....imma inti m'intix bniedem, inti anglu tas-sema! (Imisslu wiccu b'idejh). Kemm inti sabieh! (Enrico jghedlu idu ma' nnifsejh). Kemm ifuhu idejk! Donnhom midlukin bil-balzmu!

**Enric** Iva, habib tieghi. Dalghodu qddist l-ewwel quddiesa u tlabt ghalik, qieghed tifhimni Osvaldo?

**Osval** L-ewwel quddiesa? Iva, iva, niftakar.

**Enric** Mela issa isimaghni. Hija d-Divina Providenza li baghtitni hawnhekk dalghodu u dak Kristu li jiena gibtlek fis-sider tieghi jaghtik id-don tar-raguni. Il-grazzja t'Alla giet tfittxek u forsi din hija l-ahhar darba. Trid taghmel paci ma' Gesu'? Mal-mahbub missierek?

Osval (Bhal skantat). Paci ma Gesu'.........ma missieri?...... Imma jiena x'ghamiltilhom? Ma kontx forsi jiena li xtaqt nitghannaq ma Gesu'?.......

Enric Bravu, u Huwa gej biex jitghannaq mieghek.

Osval Kien il-papa' li firidni. Kien il-papa'! Le, le, jiena ma nistax nerga lura. Inti tafa t-tragedja tieghi.....irrid kieku nqum mit-tajn u nerfa ghajnejja lejn is-sema, imma ma nistax.....kemm il-darba xtaqt naqta x-xorb u nirritorna dak iz-zghazugh safi bhal gilju ta' [illegible] qabel, imma kollu ghal xejn.....ghaliex jonqosni xi haga illi jiena qieghed infittex u ma nistax insibha. Patri Klement darba qalli illi l-Konversjoni ma tigix mir-rieda tal-bniedem, imma mir-rieda t'Alla. Il-kolp tal-grazzja.....hekku dak li jonqosni, jonqosni ghax haduhieli, ghaliex ghalquli f'wicci dik it-triq li Alla kien fetahli biex nimxi warajh. Ghalhekk jiena nishet lil min seraqli din il-grazzja u tefghani fit-tajn! Dak it-tajn li qieghed jifgani.

Enric Imma tinsiex illi s-sagrificcju u t-talb imissu l-qalb t'Alla. Jiena nifhem illi inti m'intix hlief vittma..... vittma ta' mhabba mghomija.

Osval Iva, vittma li setghat illum tkun liebsa dik il-libsa li ghandek fuqek. Setghat tilbes il-Pjaneta u titla tqaddes fuq l-Artal. Fil-waqt li issa m'inix hlief katavru miexi ghal gewwa l-qabar....hallini, hallini mmut wahdi, Enrico.

Enric Ikkalma, Osvaldo. Dan huwa l-mument l-aktar sublimi tal-hajja tieghek. Inti bhal dan il-mument m'intix qieghed titkellem mal-habib tieghek, Enrico, izda Huwa Alla li qieghed ikellmek. Minn mument wiehed tiddependi l-mahfra tieghek, is-salvazzjoni ta' ruhek.

Osval Imma jiena fadalli ruhi?.....

Enric Irraguna, Osvaldo; ifhimni bhal ma konna niftehmu meta konna nistudjaw il-Bibbja flimkien.

Osval Ah!!!......iva, il-Bibbja. "Alla halaq il-bniedem ghax-Xbijja tieghu" Imma jiena ma fadallix xbijja ta' bnidem; ix-xorb, il-vizzji qerduni.

Enric Imma fadallek ruhek li biex jivdiha, Kristu miet fuq is-salib. (Osvaldo jkun sejjer jaqa; Enrico jzommu). Hawn fuq qalbi, habib tieghi, bhal meta tghannaqna meta ghamilna l-ewwel tqarbina flimkien. (Ibus lil Osvaldo fuq gbinu).

Osval Enrico, x'fihom xufftejk? X'hareg minn fommok? Donnok ghattejtli ruhi bil-ward!!!

Enric (Li ghadu qieghed izomm lil Osvaldo ma sidru). Forsi huwa dak Kristu li ghadni kemm ghollejtu bejn idejja fuq l-artal, li ghadni kemm ircevejtu fis-sider tieghi. Huwa hareg minn sidri biex jidhol fir-ruh tieghek li qeda tfittex id-dawl....

Osval Enrico.....hares iva, b'dik il-ghlewwa, ghajnejk huma bhal ragg li jdewwili l-griehi ta' qalbi. Din il-libsa ta' fuqek li fil-holm tieghi kont narha isbah minn libsa ta' sultan, imma kien dak missieri li carratieli minn fuqi. Kien dak missieri.....fejnhu? Fejnhu? (Jithabat biex jisgicca minn Enrico).

Enric (Izommu bil-hlewwa). Iskot, Osvaldo. Il-papa' ghandu tort, imma kienet l-imhabba zejda li wasslitu f'dan l-eccess. Issa jinhtieg li wiehed jinsa kollox u jahfirlu. Il-papa ' jhobbok imhabba tal-genn u jinhtieg illi tahfirlu biex Alla jahfer lilek ukoll.....

Osval Tahseb li Alla jahfirli?

Enric Kif le; imbaghad hemm Marija Ausiliatrice....tiftakar kemm kont tpoggila fjuri sbieh quddiem l-istatwa taghha kull nhar ta' Sibt?

Osval (Milqut mill-grazzja t'Alla). Iva! (Jghaqqad idejh flimkien, jinzel gharkoptejh u jghajjat). Madonna..... Madonna, dawk il-fjuri nixfu bhal ma nixfu qalbi u ruhi, imma nuftejja ghadhom ma nixfux u rrid nghajjat kemm ghandi hila: "Madonna, Madonna, jKollok hniena minn [redacted] dawn il-fjuri li nixfu taht in-nar tal-vizzji moqzieza; hemm ghalija, erfghani minn got-tajn! Ma nâtolbokx tfejjaqni, imma li tivdi lir-ruh tieghi! (Jaqa donnu mejjet fi hdan Enrico).

Enric (Isejjah). Sur Konti......sur Konti....(Imidd lil Osvaldo fuq il-pultruna kwazi mejjet).

## L-ahhar Xena.

Konti, Ganni, Enrico u Osvaldo.

Konti (Jidhol mghaggel; warajh Ganni). Dun Marinuzzi!!!

Enrico Ejja halli tircievi l-bewsa ta' ibnek,Osvaldo.....

Konti (Imur fuq Osvaldo). Osvaldo!

Osval (B'lehen mitfi kemm jista jkun). Hares hemm papa'..... fuq dawk il-halel ta' bahar.....hemm bniedem miexi fuq il-mewg.....Huwa l-Bniedem Alla.....Huwa Kristu....riesaq dejjem l-hawn. Qieghed isejjahli....qieghed jitbissimli.... Gesu', iva, ahfirli....ahfer lil missieri....u jekk ma stajtx naghtik lili nnifsi....fuq l-ghatba ta' l-artal.... naghtik dak kollu li fadalli......naghtik is-sofferenzi tieghi! (Idawwar rasu bi tbatija). Papa', fejn int? (Ifittxu b'idu).

Konti Hawn ma gembek, ibni. (Imellislu fuq xuxtu).

Osval (Ihares fil-vojt). Papa'......jiena nahfirlek.....kif Alla......hafer lili!!! (Jitlaq rasu mejjet fi hdan il-Konti).

Konti (Dolentissamu). Sur Patri Enrico, inti salvajtli lil ibni!! M'hemmx kliem li bieh nista nirringrazzjak! Kont jiena li qtilt lil ibni, imma minn dan il-mument sakemm immut, il-hajja tieghi tkun bhala pellegrinagg ta' penitenza. (Jibki).

Enric Sur Konti, issa waqqaf nitolbok dan il-biki tieghek. Osvaldo ghamel il-mewta tal-hallieL it-tajjeb. Fl-ahhar mument seraq il-genna.

Konti [redacted] Ganni, inti [redacted] ghidt li trid tibqa dejjem mieghi, hux tassew?

**Ganni** Iva, sinjur; sal-mewt.....(Kwa zi jibki).

**Konti** Mela mmorru nhabbtu bieb bieb u nitolbu l-karita'.

**Enric** Dan ma jkun qatt.....intkom tigu mieghi, fid-dar ta' Dun Bosco hemm post ghal kullhadd.

**Konti** Grazzi, Patri Enrico. (Jaqbad id Enrico u jbushielu). (Imbaghad jbus lil Osvaldo kemm il-darba). Osvaldo, bhalissa r-ruh tieghek tinsab quddiem it-Tribunal t'Alla. Itlob ghal papa' tieghek, u jiena mmur inxandar [illegible] mad-dinja kolla illi: "Kelli ibni ried isir Sacerdot u jiena ghazilt il-mewt! Alla ikkastigani!!".

**Enric** Dan tiehdux bhala kastig, imma hudu bhala L-AKBAR SAGRIFICCJU.

(Tinghalaq malajr il-Purtiera).

T M I E M   T A D - D R A M M

19 ta' Marzu, 1959,
Sliema,
Malta.